# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 12**

**Rikors numru 60/16 LSO**

**Patrick Falzon**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli maghmulin wiehed mir-rikorrent Patrick Falzon [ir-rikorrent] u l-iehor mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali [l-intimati] mis-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju, 2018, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti,

filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati u laqghet it-talbiet tar-rikorrenti, iddecidiet hekk:-

> "**Tilqa' l-ewwel talba u** tiddikjara l-agir tal-intimati jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent billi jiksru l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.
>
> "Tordna lill-intimati *in solidum* bejniethom biex ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' €47,874 rapprezentanti sighat ta'xoghol mitlufin ghall-perjodu mill-25 ta' Lulju 2008 sat-3 ta' Marzu 2015 oltre kumpens ghall-315 gurnata *vacation leave* ghas-snin 2009-2014 li ghandhom jinhadmu skont il-paga li kellu f'dawk is-snin;
>
> "Tordna wkoll lill-intimat Avukat Generali ihallas ukoll is-somma ta' €20,000 likwidati bhala kumpens ghad-danni morali sofferti mir-rikorrent ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.
>
> "L-ispejjez jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom.".

<u>Il-fatti</u>

2. Il-fatti rilevanti ghal dan l-appell kif jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti. Ir-rikorrent kien membru fil-korp tal-pulizija fil-grad ta' kuntistabbli. Wara rapport ta' abbuz sesswali fuq minuri, bint is-siehba tieghu, ta' tlettax-il sena maghmul lill-pulizija mis-siehba tieghu Mariella Tanti u omm l-istess minuri [omm], hu kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja [Qorti Istruttorja] fil-<u>11 ta' Lulju, 2008</u>, fejn gie akkuzat b'reati ta' natura sesswali fuq il-minuri u li zammha kontra r-rieda taghha. Hu nghata l-liberta` provizorja soggetta ghall-kondizzjoni fost ohrajn, li ma johrogx mid-dar u li jaghmel depozitu fir-Registru ta' dik il-Qorti ta' €1000 u jaghmel garanzija

personali ta' €5,000. Hu ghamel diversi talbiet ghar-revoka tal-ordni li jibqa' d-dar taht arrest, izda dawn dejjem gew michuda. Fil-15 ta' Settembru, 2009, il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba tieghu ghal bidla fil-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u ordnat lir-rikorrent jiddepozita somma ta' €8,000. Hu m'ghamilx id-depozitu u ntalab isib terz idoneju li seta' jaghmel tajjeb ghall-ammont ta' €7,000. Imbaghad permezz tad-digriet tat-22 ta' Ottubru, 2010, il-Qorti tal-Magistrati naqset l-ammont ghal €4,000 izda xorta r-rikorrent ma ssodisfax il-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk din regghet bidlet il-kondizzjonijiet fejn minflok, imponiet garanzija personali ta' €20,000. Fiz-zmien li kienu qed jinstemghu l-proceduri kriminali kontrih, ir-rikorrent gie sospiz milli jirrapporta ghax-xoghol, u l-paga tieghu tnaqqset bin-nofs. Izda, galadarba l-proceduri kriminali kienu dipendenti fuq il-kwerela tal-*parte civile* u l-omm irtirat din il-kwerela taghha f'stadju bikri tal-proceduri, u permezz ta' sentenza tal-24 ta' Settembru 2013, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [Qorti tal-Magistrati] iddikjarat il-procediment ezawrit liema sentenza giet ikkonfermata fl-appell.

Mertu

3. Fis-17 ta' Gunju, 2016, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn, filwaqt li sahaq li kien evidenti li kienu gew lezi d-

drittijiet fondamentali tieghu u sahansitra sofra telf finanzjarju qawwi, talab lil dik il-Qorti sabiex:

> “Tiddikjara l-agir u l-misuri mehuda mill-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom;
>
> “Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bhala rilevanti, inkluz izda mhux limitatament il-hsara finanzjarja u psikologika li sofra l-esponenti minhabba l-agir tal-intimati jew min minnhom; u
>
> “Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa skont il-ligi u c-cirkostanzi tal-kaz”.

4. L-intimati fir-risposta taghhom issottomettew li: (a) il-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati fir-rigward tal-liberta` provvizorja kienu kemm proporzjonati kif ukoll legittimi kkonsidrat l-gravita` tar-reati addebiti lir-rikorrent; (b) l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien fil-proceduri kriminali kellu jigi kkonsidrat fid-dawl tal-proceduri kollha.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. Ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern is-sentenza appellata ser tigi riprodotta fl-intier taghha:-

> “Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Patrick Falzon datat is-17 ta' Gunju 2016 fejn espona: -
>
> “Illi l-esponenti ghamel zmien f'relazzjoni ma' Mariella Tanti, li miz-zwieg precedenti taghha kellha zewgt itfal bniet kif ukoll ghandha wild mill-esponenti. Waqt din ir-relazzjoni r-rikorrenti, Mariella Tanti, u l-

imsemmija tfal kienu ghamlu ammont ta' zmien jghixu flimkien gewwa x-Xghajra;

“Illi nhar id-9 ta' Lulju tas-sena 2008, wahda mill-imsemmija tfal bniet u cioe` Luana Tanti qalet lil ommha Mariella li r-rikorrenti kien missha fil-partijiet intimi taghha gewwa l-imsemmi fond fix-Xghajra, u dana allegatament waqt li l-istess Mariella Tanti kienet rieqda f'kamra ohra. B'rizultat ta' dan, Mariella Tanti ghamlet rapport l-Ghassa ta' Haz-Zabbar;

“Nhar il-11 ta' Lulju 2008 l-esponenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'urgenza fuq imputazzjonijiet illi ix-Xghajra u fi bnadi ohra ta' dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

“• B'ghemil zieni ikkorrompa lil Luana Tanti, minuri ta' tlettax-il sena;

“• Bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lill-istess minuri Luana Tanti kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex hi tigi mgieghla taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; u

“• Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur tal-istess minuri Luana Tanti.

“Sussegwentement meta bdew jinstemghu il-provi bdiet tigi ccarata l-innocenza tal-esponenti. Izda li hu aktar rilevanti ghall-kaz odjern huwa li nhar il-25 ta' Lulju 2008, waqt ix-xiehda taghha l-kwerelanta Mariella Tanti sahqet li hi xtaqet twaqqaf il-proceduri kontra l-esponenti;

“Illi minkejja s-suespost, il-proceduri fil-konfront tar-rikorrenti baqghu ghaddejin ghal diversi snin sa ma nghatat sentenza nhar l-24 ta' Settembru 2013 fejn il-kawza giet dikjarata ezawrita minhabba l-fatt illi l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-esponenti kienu dipendenti fuq il-kwerela tal-parti leza *a tenur* tal-artikoli 203 u 545 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din is-sentenza giet konfermata fl-appell nhar it-3 ta' Marzu 2015.

“Illi l-esponenti umilment jissottometti illi l-andament tal-proceduri kriminali fil-konfront tieghu kien leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu sanciti mill-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali hekk kif ser jigi elaborat f'dan ir-rikors u fis-smigh tieghu minn dina l-Onorabbli Qorti.

“**A - Protezzjoni minn Arrest jew Detenzjoni Arbitrarja (Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea)**

"L-esponenti tressaq b'urgenza nhar il-11 ta' Lulju 2008 fuq l-imputazzjonijiet su esposti, u gie moghti l-helsien mill-arrest ghaliex sahaq mill-bidu li ma kienx ser jirrisjedi fl-istess fond mal-minorreni Luana Tanti u l-kwerelanti Mariella Tanti, izda kien sejjer joqghod ma' huh gewwa l-Birgu. Inoltre nhareg ukoll ordni ta' protezzjoni *a tenur* tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-protezzjoni tal-istess minorenni.

"Madanakollu, il-helsien mill-arrest gie akkordat bil-kundizzjoni li l-esponenti ma johrogx mid-dar fejn kien ser jirrisjedi hlief ghal ragunijiet ta' sahha jew biex jattendi s-seduti l-Qorti. Ghaldaqstant l-esponenti kien qieghed taht *house arrest.*

"Diversi talbiet da parti tal-esponenti sabiex jigu varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, biex b'hekk ikun jista' jahdem, gew opposti mill-intimati u michuda mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati.

"Bid-dovut rispett, ir-ragunijiet ghaliex bdew jigu opposti u michuda t-talbiet tar-rikorrenti ghall-varjazzjoni tal-kundizzjoni *tal-house arrest* kienu frivoli. Post ohrajn l-intimat Avukat Generali oppona t-talba tal-esponenti sabiex terga' tinstema' Mariella Tanti u ma jkunx hemm biza' ta' intralc max-xiehda taghha, u dana meta l-istess Mariella Tanti kienet diga' xehdet li xtaqet il-proceduri fil-konfront tal-esponenti jitwaqqfu.

"Inoltre, nhar l-24 ta' Gunju 2009, it-talba tal-esponenti sabiex jigi mehlus mill-*house arrest* giet michuda mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghaliex ir-rikorrenti "ma gab ebda xhieda dokumentarja jew mod iehor, illi juri illi kiseb xi impieg alternattiv" [sic!]. Kien prattikament impossibbli ghall-esponenti li jikseb effettivament impjieg alternattiv meta ma setax johrog mir-residenza tieghu biex jaghmel *interview* ma' *employer* prospettivi.

"Meta finalment intlaqghet it-talba tal-esponenti fid-19 ta' Ottubru 2009 - u cioe' aktar minn sena u tliet xhur wara li kien beda jinzamm taht *house arrest* - giet imposta fuqu l-kundizzjoni li jsib terz li jaghmillu depozitu ta' sebat elef ewro (€7,000). U dana meta l-kwerelanta Mariella Tanti u l-minorenni Luana Tanti - ix-xhieda pajzana li ghalihom setghet possibilment tigi gustifikata d-detenzjoni tar-rikorrenti sabiex tigi evitata kwalsijasi possibilita` ta' intralc ta' provi - kienu xehdu nhar il-25 ta' Lulju 2008.

"Kien impossibbli ghall-esponenti li jissodisfa din il-kundizzjoni, u dana kemm minhabba l-imputazzjonijiet li kien qieghed jiffaccja - li certament ma ghamluhiex facli ghall-esponenti li jsib lil xi hadd li lest li jerfa' tali piz ghalih - kif ukoll minhabba l-fatt li kien ilu aktar minn sena sospiz mill-pozizzjoni tieghu fil-Korp tal-Pulizija u fl-impossibilita` li jsib impjieg alternattiv, minhabba l-istess *house arrest,* u ghalhekk ebda

terz ma seta' jkun kunfidenti li jekk jislef is-sebat elef ewro, l-esponenti kien ser jaghmel tajjeb ghalihom.

“Wara diversi tentattivi sabiex dan il-kriterju jigi varjat, din is-somma tnaqqset ghal erbat elef ewro (€4,000) nhar is-26 ta' Ottubru 2010, izda ghar-ragunijiet su esposti anke dan l-ammont kien eccessiv.

“Ghaldaqstant l-esponenti baqa' taht *house arrest* sal-4 ta' Ottubru 2012, meta l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghogobha tvarja l-kriterji ghall-helsien mill-*house arrest* u imponiet biss - mil-lat finanzjarju - garanzija personali da parti tar-rikorrenti.

“L-esponenti dam taht *house arrest* ghal total ta' erba' snin, xahrejn u tlieta u ghoxrin gurnata.

“Umilment l-esponenti jerga' jtenni u jirrileva illi waqt dan iz-zmien kollu huwa kien sospiz mill-kariga tieghu fi hdan il-Korp tal-Pulizija minhabba r-reati lilu addebitati, kif ukoll kien fl-impossibilita` li jsib impjieg alternattiv minhabba l-*house arrest.* U dana waqt li kellu zewg *loans* mal-bank APS li fuqu kellu pagament mensili ta' kwazi erba’ mitt Ewro, kif ukoll waqt li kellu jmantni lil iben li kellu ma' Mariella Tanti.

“Illi umilment l-esponenti jishaq illi dan jammonta ghal ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu skont l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem illi l-arrest preventiv huwa gustifikat biss, waqt il-mori tal-proceduri kriminali kontra l-persuna mizmuma, jekk jezisti *"a genuine requirement of public interest justifying, with due regard to the principle of the presumption of innocence, a departure from the rule of respect for individual liberty...".* Il-persuna akkuzata ghandha tigi rilaxxata sakemm ma jigix muri mill-prosekuzzjoni li hemm ragunijiet gravi u necessarji li jiggustifikaw li l-persuna tinzamm detenuta.

“Il-Qorti Ewropea rrimarkat f'aktar minn okkazjoni wahda li l-applikabilita` tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ma hix limitata ghal detenzjoni gewwa facilita` detentiva, izda tapplika ugwalment ghal cirkostanzi ohra fejn persuna tigi pprivata mil-liberta` taghha, inkluz *house arrest.*

“Huwa inoltre pacifiku wkoll li l-kundizzjonijiet imposti ghall-helsien mill-arrest iridu jkunu possibbli ghall-persuna akkuzata li tilhaqhom. Fil-kawza fl-ismijiet "Neumaster vs Austria", il-Qorti Ewropea sahqet illi meta l-kundizzjoni tkun wahda finanzjarja, l-ammont ghandu jigi kalkolat *"principally by reference to him* [l-akkuzat], *his assets and his relationship with the persons who are to provide the security"* [enfasi tal-esponenti].

“Fil-kaz odjern, l-esponenti umilment jissottometti illi l-ewwel kien hemm dewmien indebitu sabiex jinheles mill-*house arrest,* u meta inghatatlu l-opportunita` li jinheles mill-*house arrest* il-kundizzjonijiet imposti kienu sproporzjonati meta kkumparati mal-assi tieghu u mal-persuni li seta' jersaq lejhom sabiex jipprovdu d-depozitu. B'hekk gie effettivament ipprivat mil-liberta` tieghu ghal aktar minn erba' snin, u dan minghajr raguni valida fil-ligi.

“Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jishaq li gie lez id-dritt tieghu ghal-liberta` personali, hekk kif sancit mill-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

“**B - Dritt ghal Smigh Xieraq (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea)**

“Huwa pacifiku li d-dritt ghal smigh xieraq jinkludi d-dritt li kawza tiehu zmien ragjonevoli.

“L-esponenti umilment jishaq illi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu ma hadux zmien ragjonevoli, u dan ghal ragunijiet interament indipendenti minnu. Senjatament l-esponenti jirrileva s-segwenti differimenti u dilungar inutli waqt il-kumpilazzjoni kriminali:

“• Saru diversi talbiet mill-intimat Avukat Generali sabiex il-minorenni Luana Tanti terga' tixhed, wara x-xiehda taghha tal-25 ta' Lulju 2008, minghajr ic-cirkostanzi straordinarji li trid il-Ligi sabiex dan isehh;

“• Wara li Mariella Tanti rtirat il-kwerela, il-Pulizija kkuntattjat lill-missier bijologiku tal-minorenni Luana Tanti, Albert Tanti, li talab li jigi meqjus kien ilu aktar minn tliet (3) snin ma jara lil uliedu u li, minhabba li ma kienx il-kwerelant, ma setax legalment ikompli proceduri li f'dak l-istadju kienu diga` ezawriti, hekk kif ikkonfermat l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha. Albert Tanti tela' jixhed nhar id-29 ta' Settembru 2008 fejn lanqas kien jaf bic-cirkostanzi tal-kaz, u ghaldaqstant f'tali seduta ma sar xejn hlief din ix-xiehda;

“• Fil-5 ta' Novembru 2008 il-prosekuzzjoni talbet differiment ghaliex ma kinitx edotta minn cirkostanzi li setghu jiggustifikaw li terga' tixhed Luana Tanti kif talab l-Avukat Generali - tali cirkostanzi ma vverifikawx ruhhom;

“• Fil-11 ta' Jannar 2011 il-kawza giet differita minhabba l-volum tax-xoghol tal-Qorti;

“• Fil-15 ta' Frar 2011 il-kawza giet differita ghaliex il-Qorti giet mghajta fuq inkjesta;

“• Fit-13 ta' April 2011 il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni tal-Magistrat sedenti;

“• Fil-31 ta' Ottubru 2011, l-atti mitluba mill-Qorti tal-Familja rigwardanti s-separazzjoni bejn Mariella Tanti u Albert Tanti, li kellhom jigu esebiti f'tali seduta, ma ngabux u ghalhekk inghata differiment iehor;

“• Fis-6 ta' Dicembru 2011 il-prosekuzzjoni talbet differiment ghaliex l-Ispettur Fabian Fleri gie msejjah fuq xoghol iehor urgenti;

“• Fis-26 ta' Marzu 2012 il-Qorti sahqet li mhux xieraq li tisma' prova minhabba li l-Magistrat sedenti kienet giet elevata ghall-kariga ta' Imhallef;

“• Fit-28 ta' Mejju 2012 il-kawza giet differita mill-Qorti ghat-2 ta' Ottubru 2012.

“Hekk kif jidher car minn dak elenkat supra, ghadda hafna zmien fejn ma sehh xejn fil-proceduri kontra l-esponenti, u dan minghajr ebda tort tal-esponenti stess.

“Mill-gdid l-esponenti jerga' jtenni illi sa mill-25 ta' Lulju 2008 l-proceduri fil-konfront tieghu kellhom jigu meqjusa ezawriti. L-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, diversament presjeduta minn meta nghatat is-sentenza fil-konfront tal-esponenti, ma hadet ebda decizjoni rigward dan il-fatt.

“Ghaldaqstant il-proceduri fil-konfront tal-esponenti baqghu jigu inutilment dilungati, u dan bi pregudizzju kbir ghar-rikorrenti hekk kif ser jigi ampjament ippruvat aktar 'l isfel u fit-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

“L-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet bl-aktar mod car li l-kawza kellha tieqaf nhar il-25 ta' Lulju 2008 meta Mariella Tanti rtirat il-kwerela taghha, izda minkejja dan l-esponenti baqa' incert dwar id-destin tieghu sal-24 ta' Settembru 2013 meta fl-ahhar saret gustizzja mieghu mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati. Inoltre l-intimati komplew ziedu l-piz psikologiku kbir fuq l-esponenti billi appellaw minn tali sentenza gusta, bil-konferma mill-Qorti tal-Appell tasal biss fit-3 ta' Marzu 2015.

“Ir-rikorrenti ghalhekk ghamel kwazi **seba' snin** ma jafx x'se jsir minnu, li **erba' snin** minnhom kienu taht *house arrest.* Umilment ir-rikorrenti jissottometti illi dan huwa direttament oppost ghad-dritt tieghu ghal smigh fi zmien xieraq, li *r-raison d'etre* tieghu huwa *"to avoid that a person charged should remain too long in a state of uncertainty about his fate."*

“Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza li kaz jista' jiehu ammont ta' zmien twil minghajr ma' dan isir bi ksur ta' dan id-dritt fondamentali principalment jekk huwa komplikat hafna jew inkella d-dilungar ikun attribwibbli lill-akkuzat. Umilment l-esponenti jishaq illi huwa

ampjament car li ebda wiehed minn dawn il-fatturi ma kien prezenti fil-kaz tieghu biex jiggustifika d-dewmien.

"Inoltre, il-Qorti Ewropea sahqet illi sabiex jigi deciz jekk id-dewmien tal-proceduri kienx ragjonevoli f'kaz partikolari, ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni dak li jkun jiddependi minn tali proceduri, fosthom is-sahha tal-akkuzat. Fil-kaz odjern kien evidenti li l-esponenti kien qieghed ibati minn problemi ta' sahha mentali anke qabel ma bdew il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu, u tali proceduri ovvjament ma ghamlu xejn hlief aggravawhom.

"Fit-3 ta' Settembru 2009 Dr Etienne Muscat, dak iz-zmien il-psikjatra tar-rikorrenti, ghamel nota medika li l-esponenti kien ilu taht il-kura tieghu sa minn Lulju tal-2008 ghal *reactive depressive disorder* li kien qieghed jigi aggravat minhabba *l-house arrest,* id-djun tal-esponenti u n-nuqqas ta' interazzjoni socjali li kien qieghed ikollu minhabba l-istess *house arrest.* Il-psikjatra kien irrakkommanda li l-esponenti jithalla f'sitwazzjoni li jahdem.

"**<u>Konkluzzjoni</u>**

"Fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jishaq li huwa ampjament car li gew lezi l-imsemmija drittijiet fondamentali tieghu. Il-hsara li sofra r-rikorrenti minhabba tali ksur hija kbira:

"• Hsara finanzjarja - l-esponenti thalla ghal diversi snin taht *house arrest* u ghalhekk minghajr il-possibilita` li jahdem. Inoltre, il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu wasslu ghas-sospensjoni tieghu mill-Korp tal-Pulizija, bil-konsegwenzi li dan gab mieghu;

"• Hsara psikologika - hekk kif suespost il-proceduri fil-konfront tal-esponenti, u b'mod specjali c-cirkostanzi tieghu waqt il-*house arrest* u l-incertezza li kellu jsofri ghal hafna snin waqt il-mori tal-kawza fil-konfront tieghu, aggrava b'mod sostanzjali l-problemi psikologici li r-rikorrenti kien qieghed jaghmel hiltu kollha biex jikkumbatti. *Inter alia* l-esponenti mhux biss kien taht il-kura ta' psikjatra, izda kien attenda wkoll il-*counselling services* tal-Korp tal-Pulizija.

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"Tiddikjara l-agir u l-mizuri mehduha mill-intimati jew min minnhom, illegali u li jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liema minnhom;

"Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq lir-rikorrenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bhala rilevanti,

inkluz izda mhux limitatament il-hsara finanzjarja u psikologika li sofra l-esponenti minhabba l-agir tal-intimati jew min minnhom; u

“Taghti dawk l-ordnijiet u direttivi ohra li jidhrilha xierqa skont il-ligi u c-cirkostanzi tal-kaz.

“Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2016 fid-disgha u nofs ta' filghodu (9.30 a.m.).

“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u l-Kummisarju tal-Pulizija datata nhar is-7 ta' Lulju 2016 a fol 12 tal-process fejn esponew bil-qima:

“Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrent huma fis-sens li fil-kawza *Il-Pulizija vs. Patrick Falzon* deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-3 ta’ Marzu 2015, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u dan minhabba li l-perjodu li ghamel taht *house arrest* pendenti l-ezitu tal-kawza kriminali kien wiehed ezagerat u ta’ pregudizzju kbir ghalih u kif ukoll minhabba dewmien sabiex il-kawza kriminali tigi deciza fi zmien ragjonevoli bi ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.

“Illi l-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar ‘l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

“<u>*Dwar l-ilment tal- "house arrest"*</u>

“Illi jibda biex jinghad in succinct bhala fatti dan il-kaz jirrigwarda proceduri kriminali li gew istitwiti mill-pulizija kontra ir-rikorrent wara li sar rapport li huwa kien abbuza sesswalment mit-tifla tas-siehba tieghu ta’ tlettax-il sena. Sussegwentement fil-11 ta' Lulju 2008 ir-rikorrent tressaq il-Qorti tal-Magistrati akkuzat bir-reati ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, sekwestru ta’ persuna u attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri Luana Tanti. Mal-prezentata ta’ din il-kawza l-Qorti tal-Magistrati mill-ewwel ikkoncediet lir-rikorrent il-helsien mill-arrest pero` jirrizulta li wahda mill-kundizzjonijiet ghall-*bail* il-Qorti imponiet li r-rikorrent jibqa’ d-dar taht *house arrest* u johrog biss biex ikellem lill-avukat tieghu u ghar-ragunijiet medici. Jirrizulta li fil-gimghat u fix-xhur ta’ wara r-rikorrent ghamel diversi talbiet sabiex il-kundizzjoni *tal-house arrest* tigi revokata pero` dawn dejjem gew michuda mill-Qorti tal-Magistrati principalment minhabba n-natura serja tal-akkuzi u l-biza' ta' intralc tal-provi. Fil-15 ta' Settembru 2009 il-Qorti tal-Magistrati laqghet talba ghal-bidla fil-kundizzjonijiet tal-*bail* u ordnat lir-rikorrent jiddepozita is-somma ta’ elfejn ewro oltre garanzija personali ta' €8,000. L-esponent jirrileva li dawn il-kundizzjonijiet huma assolutament proporzjonati u legittimi meta wiehed jikkunsidra l-gravita` tar-reati addebitati lir-rikorrent.

"Ghalhekk diga` mhux minnu li l-Qorti tal-Magistrati zammet lir-rikorrent arrestat id-dar ghal erba' snin, xahrejn u tlieta u ghoxrin gurnata. Li jirrizulta mill-process hu li sena u xahrejn wara li tressaq il-Qorti, l-kundizzjonijiet tal-*bail* tar-rikorrent gew mibdula b'tali mod li ma baqax iktar b' *house arrest.* Sussegwentement gara li r-rikorrent ma ddepozitax l-ammont ta' flus impost mill-Qorti u minflok intalab isib terz idoneju sabiex jaghmel tajjeb ghall-ammont ta' €7,000. Permezz ta' digriet datat 22 ta' Ottubru 2010 il-Qorti tal-Magistrati naqset dan l-ammont ghal €4,000 pero` r-rikorrent xorta wahda ma' rnexxilux jissodisfa lanqas din il-kundizzjoni. Finalment fl-1 ta' Ottubru 2012 il-Qorti regghet bidlet il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fejn fost l-ohrajn bidlet il-garanzija ghal wahda personali ta' €20,000.

"Illi l-ilment tar-rikorrent huwa ibbazat fuq zewg konsiderazzjonijiet u cioe` li l-kundizzjoni tal-*house arrest* hija wahda leziva tad-drittijiet fundamentali tieghu peress li ma setax johrog mid-dar u li l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest imposti mill-Qorti tal-Magistrati inkluz l-ammont ta' depozitu kienu ibsien izzejjed tenut kont tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti.

"Illi dwar id-differenza bejn li tkun arrestat il-habs u li tkun taht *house arrest* issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali - Anthony Grech Sant vs. Avukat *Generali* - fejn inghad li *wiehed ma jista' qatt iqabbel il-house arrest ma' arrest fil-habs. Apparti li l-awtoritajiet qatt ma jistghu jkunu verament mija fil-mija certi li dak li jkun ikun ottempera ruhu mal-kundizzjoni li ma johrogx minn daru jew li johrog limitatament skont il-kundizzjonijiet imposti, iz-zamma taht arrest preventiv fil-habs jew f'post meqjus skont il-ligi bhala habs timporta ferm aktar restrizzjonijiet milli qatt jista' jimporta l-house arrest. Ghalkemm sia fir-rikors promotorju kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-abbili difensur tal-appellant ipprova jpingi xenarju ta' "izolament" ghall-persuna li tkun taht house arrest, ghalkemm din tista' tavvera ruhha f'xi kazijiet partikolari (fil-kaz de quo ma giex pruvat li, bhala fatt, kien hemm dan l-izolament), persuna li tkun mizmuma f'darha hija libera li taghmel hafna affarijiet li persuna mizmuma l-habs ma tistax taghmel. Din il-Qorti ma tahsibx li hemm ghalfejn li wiehed jelabora aktar.*

"Illi l-esponent jirrileva li ghalkemm huwa minnu li bil-kundizzjoni ta' *house arrest,* il-liberta` ta' moviment tar-rikorrent gie ristrett, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati kienet gustifikata li timponi tali mizura meta wiehed iqies in-natura sensittiva tal-kaz. Kif johrog car mill-atti processwali r-rikorrent gie akkuzat li (abbuza sesswalment it-tifla tas-siehba tieghu meta huma kienu jghixu flimkien taht saqaf wiehed. Ghalhekk l-imposizzjoni *tal-house arrest* kienet pjenament gustifikata sabiex l-ewwel u qabel kollox jigu salvagwardjati l-interessi tal-minuri u ma jkunx hemm intralc fil-provi. Meta l-Qorti tal-Magistrati fis-sapjenza taghha dehrilha li tali kundizzjoni mhijiex iktar necessarja din giet revokata u minflok gew imposti kundizzjonijiet ohra bhal per

ezempju li r-rikorrent irid jiffirma l-ghassa u jkun id-dar bejn 22.00pm u s-6.00am.

“Illi lanqas wiehed jista’ jargumenta li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu irragjonevoli jew li l-ammont ta' garanzija kien wiehed eccessiv. Ghal zmien twil ir-rikorrent ghamel divesi rikorsi fejn allega li hu ma kienx f’pozizzjoni finanzjarja sabiex jiddepozita l-Qorti s-somma indikata pero` minghajr ma ghamel xejn biex jipprova dan kollu. Fil-fatt ma jirrizultax mill-atti processwali li r-rikorrent issostanzja l-allegazzjoni tieghu li huwa ma kellux mezzi biex jiddepozita dik is-somma - Qorti Kostituzzjonali, James Demanuele vs. Avukat Generali, 20 Frar 2009.

“Ghalhekk l-esponent jissottometti li ma hemm l-ebda vjolazzjoni ta l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni.

*“L-ilment dwar id-dewmien fil-proceduri kriminali.*

“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, r-rikorrenti qed jilmenta minn dewmien irragjonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi skont il-gurisprudenza assodata kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Il-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita` tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta’ min ikun qed iressaq l-ilment, is-sehem tal-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f’ dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahhar nett is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati - *Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali,* 28/1/2013, *Qorti Kostituzzjonali.*

“Huwa accettat ukoll li ma hemm l-ebda 'time limit' li jrid jigi osservat fil-kors tal-proceduri quddiem qorti ghax inkella l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta. Illi hija gurisprudenza kostanti li l- irragonevolezza taz-zmien m'ghandhiex tigi determinata fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet kawza ghaddejja imma ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun (ara X v. Belgium deciza mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Marzu 1962).

“Li jirrizulta mill-process kriminali hu li r-rikorrent tressaq fl-2008 u hames snin wara f’ Settembru tal-2013 il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) tat is-sentenza taghha. Din id-decizjoni giet appellata mill-esponent Avukat Generali u l-Qorti tal-Appell Kriminali ipronunzjat ruhha nhar it-3 ta' Marzu 2015 u cioe' sena u

nofs wara. Fl-umli fehma tal-esponent tenut kont tan-natura tal-kaz, dan iz-zmien ma kienx wiehed irragjonevoli.

“Illi ghalkemm idealment il-kawzi ghandhom jimxu b'mod spedit u jigu decizi fi zmien kemm jista jkun qasir, komplessivament ma jirrizultax li fil-kaz odjern kien hemm xi nuqqasijiet lampanti min-naha tal-Prosekuzzjoni u lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.

“Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

“Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien hemm xi dewmien irragjonevoli jew xi forma ta' vjolazzjoni ohra, u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

“Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent datata 12 ta’ Frar 2018 a fol 183 tal-process.

“Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-intimati datata 12 ta’ Marzu 2018 a fol 199 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis 12 ta’ April 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Rene` Darmanin li assocja ruhu fil-patrocinju tar-rikorrent. Id-difensuri prezenti strahu fuq in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom u qablu li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Ir-rikors giet differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2018 fid- 9:30am.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

“**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Illi r-rikorrent qed jilmenta li sofra lezjoni fid-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-**Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** - 'il quddiem imsejjah "Il-Kostituzzjoni" u tal-**Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" b'riferenza ghall-proceduri kriminali fejn tpogga taht *house arrest* soggett ghall-kondizzjonijiet ta' helsien sproporzjonati, u *stante* d-dewmien f'dawk il-proceduri. Talab rimedji effikaci fosthom kumpens materjali u kumpens ghall-hsara psikologika li sofra.

“Illi l-intimat oppona ghat-talbiet b'eccezzjonijiet sostantivi rizultanti mir-risposta tieghu. Fil-qosor wiegeb li z-zamma taht arrest domiciljari kien gust tenut kont il-gravita' tal-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent. Inoltre gie mehlus mill-arrest taht kondizzjonijiet ta' helsien li kienu jinvolvu depozitu finanzjarju, liema kondizzjonijiet gew mibdula fil-kors tal-prceduri. Ghal dak li jirrigwarda d-dewmien, cahad li kien hemm dewmien ingustifikat.

“**Il- Fatti fil-Qosor**

Illi dan il-kaz jirrigwarda proceduri kriminali li gew istitwiti mill-pulizija kontra ir-rikorrent wara li sar rapport li huwa kien abbuza sesswalment mit-tifla tas-siehba tieghu ta’ tlettax-il sena. Sussegwentement fil-11 ta' Lulju 2008 ir-rikorrent tressaq il-Qorti tal-Magistrati akkuzat bir-reati ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, sekwestru ta’ persuna u attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-minuri.

“Mal-prezentata ta’ din il-kawza l-Qorti tal-Magistrati ikkoncediet lir-rikorrent il-helsien mill-arrest taht kundizzjonijiet ghall-*bail* li r-rikorrent jibqa’ d-dar taht arrest domiciljari u johrog biss biex ikellem lill-avukat tieghu u ghar-ragunijiet medici.

“Huwa pacifiku li r-rikorrent ressaq diversi talbiet sabiex il-kundizzjoni *tal-house arrest* tigi revokata pero`dawn dejjem gew michuda mill-Qorti tal-Magistrati sakemm fl-ahhar fil-15 ta' Settembru 2009 il-Qorti tal-Magistrati laqghet talba ghal bidla fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u ordnat lir-rikorrent jiddepozita is-somma ta’ elfejn ewro oltre garanzija personali ta' €8,000.

“Sussegwentement gara li r-rikorrent ma ddepozitax l-ammont ta' flus impost mill-Qorti u minflok intalab isib terz idoneju sabiex jaghmel tajjeb ghall-ammont ta’ €7,000. Permezz ta' digriet datat 22 ta’ Ottubru 2010 il-Qorti tal-Magistrati naqset dan l-ammont ghal €4,000 pero` r-rikorrent xorta wahda ma' rnexxilux jissodisfa lanqas din il-kundizzjoni.

“Finalment fl-4 ta' Ottubru 2012 il-Qorti regghet bidlet il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fejn fost l-ohrajn bidlet il-garanzija ghal wahda personali ta' €20,000.

“**<u>Provi:</u>**

“**Patrick Falzon** xehed permezz ta’ affidavit (fol 25-30) u spjega x'gara meta tressaq quddiem il-Qorti. Spjega li fil-11 ta’ Lulju tellghuh b’urgenza quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Edwina Grima, u nghata l-*house arrest* taht certu kondizzjonijiet, fosthom li ma johrogx mid-dar hlief sabiex jattendi l-Qorti, jew ghar-ragunijiet medici jew biex jikkonsulta mal-Avukat tieghu. Kellu jinforma lill-Ufficjal Prosekutur kull darba li johrog u jidhol.

“Qal li ghall-bidu kien qed joqghod ma’ huh izda kellhom argument f'Dicembru 2008 u mar joqghod l-Imdina wahdu f'post bla arja, u minghajr dawl naturali u minghajr kumditajiet, qisu 'maqjel'. Dam hemm hames snin izda ma kellux flus biex jghix f’post iehor.

“Semma li fil-proceduri kiriminali fil-25 ta’ Lulju 2008 xehdet il-*partner* tieghu li kienet qalet li ma tixtieqx tiehu passi kontrih, izda kien inghad li l-kaz hu *ex officio* u l-proceduri tkomplew. Xehdet ukoll it-tifla. Spjega li l-istess haga intqalet mill-*partner* tieghu fis-16 ta’ Settembru 2008, u ghat-tielet darba fil-kontro-esami fil-15 ta' Lulju 2010 fejn hareg mix-xhieda li t-tifla kienet qed tigdeb. Dan ikkonfermatu t-tifla meta xehdet fil-25 ta' Lulju 2008 u anke t-terapista tal-Appogg.

“Fl-24 ta' Gunju 2009 pprezentaw rikors[1] biex jieqfu l-proceduri izda ma giex degretat. Qal li sussegwentement saru hafna rikorsi biex hu johrog mill-*house arrest* biex ikun jista’ jsib impieg, izda t-talba giet michuda ghax ma kellux x’juri li sab impieg.

“Qal li kellu nofs il-paga mill-Korp tal-Pulizija amontanti ghall €508 f'idu. Kellu zewg *loans* mal-APS Bank Limited fejn l-ammont li kellu jhallas kien ta' €386.68 fix-xahar. Kellu self iehor li kien ha huh John ghan-nom tieghu ta' €1,000 u li beda jtih €72.72 fix-xahar mill-14 ta' Jannar 2008 sat-12 ta' Dicembru 2008.

“Qal li pprezenta rikors kwazi kull xahar biex jigi revokat il-*house arrest,* tnax b'kollox bejn it-22 ta' Lujlu 2008 sat-23 ta' Settembru 2011.[2] Semma wkoll li l-intimati dejjem opponew ghall-*bail* avolja kienu ghalqu l-provi. Qal li f’sena u sitt xhur hekk kif jidher mit-trattazzjoni datat 14 ta’ Lulju 2011 ma kien sar xejn.

“Semma li sussegwentement il-kaz gie appuntat quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli, fit-2 ta’ Ottubru 2012, sar rikors ghal helsien mill-arrest li gie milqugh taht garanzija personali ta' €20,000. Inghatat sentenza fl-24 ta' Settembru 2013, inqas minn sena paragunat mal-4 snin ta' qabel.

“Sar appell u fit-3 ta’ Marzu 2015, inghatat sentenza mill-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Skont iz-zewg sentenzi l-kawza kellha tieqaf fil-25 ta' Lulju 2008 izda minflok il-kawza damet 6 snin u 8 xhur ghaddejja.

“Qal li minn dakinhar tal-kaz u l-proceduri kriminali hu beda jbati minn *reactive depression* u kien taht il-kura tal-psikjatra Dr Etienne Muscat. Zied ighid, li wara s-sentenza tal-Appell rega’ mar it-Taqsima tar-Rizorsi Umani (HR) id-Depot tal-Pulizija fl-10 ta’ Marzu 2015, peress li hu kien fil-Korp u gie ingaggat u gie stazzjonat, fejn anke gie ordnat jattendi ghall-visti mal-Psikologu tal-Pulizija. Gew imposti fuqu xi restrizzjonijiet minhabba dan it-trattament.

---

[1] **Dok PF1**

[2] Dok PF6 konsistenti fi 33 *folio*.

"Qal li fil-25 ta' Lulju 2008 kellu jieqaf il-kaz kontrih izda baqa' ghaddej sat-3 ta' Marzu 2015. B'hekk, hu qed jirreklama li tilef €47,874 f'sighat ta' xoghol matul dak il-perjodu u 315 gurnata *vacation leave*.

"Hu xehed ulterjorment (fol 123-127)[3] u qal li r-rank tieghu kien PC u kien ilu 24 sena u ghaxar xhur mal-Pulizija. Qal li finanzjarment hu tilef il-*police allowance* u x-*shift allowance* mill-2000 sal-2007. Qal li fl-2008 waqt il-proceduri, kien sospiz u kien jiehu nofs paga, izda meta dahal lura fil-korp id-differenza fil-paga ma hadhiex. Rigward il-*vacation leave* qal li huma jkollhom l-ghazla li jghoddu ghas-sena li gejja. Semma li kiteb ittra rigward il-*leave* u fl-2008 minn 34 gurnata inghata biss tmintax-il gurnata, u fl-2015 qatghulu hmistax-il gurnata. Hu esebixxa sett ta' dokumenti Dok PFX. Qal li fl-2008 tilef 21 jum u fl-2009, 2010, 2011, 2012, 2013, 2014, gew 46 jum kull sena. Qal li hadem il-kalkoli tieghu billi ra kemm tiswa gurnata xoghol u ghadd il-valur ta' kemm tiswa gurnata xoghol mal-jiem li hu tilef.

"Il-**Psikjatra Etienne Muscat xehed** (fol 98-103)[4] u esebixxa notamenti tieghu u kkonferma li r-rikorrent kien ibaghti minn *reactive depression.* Qal li jaf li hu kien konfinat b'*house arrest* go post zghir u kien itih medicina biex jghinu jorqod.

"**Xehedu wkoll l-Ispettur Edward Zammit** xehed (fol 104-105)[5] li esebixxa r-rapport li kien hejja bhala Dok EZ1, u **Dr. Mark Xuereb** (fol 139-144)[6] li ghamel id-djanjosi bhala *Post Traumatic Stress Disorder* fir-rigward tar-rikorrent, fejn gralu disfunzjoni mhux biss psikologika imma anke fizika, minhabba l-esperjenza li ghadda minnha. Qal li osserva wkoll bidla fil-personalita`u jkollu kemm ugigh ta' rasijiet u *panic attack*, nuqqas ta' memorja, u ma jistax jiffoka. Hu esebixxa Dok MX1, MX2 u MX3. Qal li jista' jassessja dizabilita psikologika ta' 20 sa 30 fil-mija. Qal li d-disturbi psikologici tar-rikorrent bdew meta bdew il-proceduri kriminali, u l-prolongazzjoni tal-kaz aggravaw is-sitwazzjoni tieghu. Qal li r-rikorrent ma jidhirx li kellu *file* psikjatriku qabel il-proceduri kriminali. Qal li l-kondizzjoni ta' *house arrest* li kellu matul il-kaz aggravawlu il-kaz u l-qaghda psikologika tieghu.

"**L-Ispettur Jurgen Vella** xehed (fol 170-175)[7] u qal li hu stazzjonat fit-Taqsima Rizorsi Umani. Semma li mir-*Records* jirrizulta li r-rikorrent kien sospiz mill-2008 u dahal lura ghax-xoghol fl-2015¸u kemm dam sospiz inghata nofs is-salarju baziku, u kien ukoll inghata *bonuses* kull tliet xhur. Hu esebixxa l-FS3's ta' Patrick Falzon mill-2008 sal-2014, Dok JV1 sa JV8. Spjega li fiz-zmien li kien sospiz Patrick Falzon kien inhareg '*one time payment'* ghall-membri tal-Korp u hu kien inghata elf Ewro f' '*one time payment.'* Qal li ghall-*overtime*

[3] Seduta tad-9 ta' Frar 2017.
[4] Seduta tal-10 ta' Jannar 2017.
[5] Seduta tal-10 ta' Jannar 2017.
[6] Seduta tat-30 ta' Marzu 2017.
[7] Seduta tal-24 ta' Ottubru 2017.

huma hadu direzzjonijiet mill-OPM, fejn inghataw istruzzjoni li dak il-hlas ikun dovut biss jekk il-persuna ikun hadem dawk is-sighat. Esebixxa wkoll Dok JV9 sa JV12 li juru l-*bonuses* li ricieva. Qal li ghaz-zmien tas-sospensjoni, ma thallasx tal-*vacation leave* u *overtime payments*. Qal ukoll li ma jistax jikwantifika, li ma kienx sospiz, bhala *overtime* kemm kien jaghmel. Qal li mid-dokumenti jirrizultalu, li l-fatt li wassal ghall-kondizzjoni psikjatrika tar-rikorrent kien dovut ghall-kaz u l-proceduri kriminali li kellu kontrih. Zied ighid, li hemm diversi *extra duties* li jistghu jsiru fejn ma tenhtiegx arma, ezempju l-Evans Building u l-Housing Department, Floriana.

"**L-Ispettur Fabian Fleri** xehed (fol 182a-d)[8] u qal li llum hu stazzjonat fic-CID izda meta sehh il-kaz ta' Patrick Falzon kien l-Ghassa tal-Pulizija Haz-Zabbar, kien jaf lir-rikorrent bhala membru tal-korp. Semma li fid-9 ta' Lulju 2008 kien sar rapport mill-*partner* tieghu li qalet bintha kienet sfat abbuzata min-naha tieghu. Qal li kien hu li investiga l-kaz u arrestah u kien hu li interrogah. Qal li kien inghata l-helsien mill-arrest, mar joqghod l-Imdina u kien gie sospiz mill-Korp. Dwar id-dewmien qal, li kull seduta telghu x-xhieda, izda kien hemm perjodu ta' sitta sa disa' xhur sakemm inbidlet il-Qorti, peress li nbidel il-Magistrat u sakemm gie deciz jekk hux ser jerga' jinstema' x-xhud. Semma wkoll li kien hemm xi seduti fejn ma nstemghux xhieda ghax kien hemm battibekk fuq il-kwistjoni jekk ghandux jaqa' l-kaz. Mistoqsi jekk kienx ircieva ittri minghand l-avukat ta' Patrick Falzon, Dr. Simon Micallef Stafrace dwar xhieda li kellhom jitharrku, qal li ma rceviex dawn l-ittri hu, izda, peress li kienu zewg *prosecuting officers*, ma setax iwiegeb ghall-kollega tieghu. Qal li hu a konoxxenza tal-fatt li nqalghet il-kwistjoni jekk ghandhiex titwaqqa' l-kawza jew le peress li l-omm kienet qalet li m'ghandhiex aktar interess, fil-fatt il-kaz kien tkompla imbaghad il-Qorti esprimiet ruhha f'dan ir-rigward.

"Atti Processwali - ***Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja u Spettur Fabian Fleri) v Patrick Falzon***

"Illi l-atti processwali fil-kaz imsemmi huma allegati fl-atti ta' din il-kawza. Minn dawn jirrizulta li r-rikorrent tressaq taht arrest fil-11 ta' Lulju 2008 meta inghata *house arrest.*

"Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati[9] sabet li "*stante r-rinunzja tal-kwerela ... fix-xhieda taghha tas-16 ta' Settembru 2008, liema rinunzja hija inekwivoka, cara u minghajr kondizzjoni, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-azzjoni mehuda ai termini tal-artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz."*

[8] Seduta tal-11 ta' Jannar 2018.

[9] Esebita fl-atti allegati a fol 354

“Is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) inghatat fit-3 ta' Marzu 2016. Il-Qorti kkonfermat is-sentenza appellata u rriteniet hekk dwar ir-rinunzja tal-kwerela:

> “"*Il-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti, mhux kif kienet presjeduta fil-gurnata tas-sentenza, kellha l-obbligu li tiddeciedi dan il-punt kif tqajjem u mhux thallih minghajr ma taghti decizjoni dwaru."* (sottolinear ta' din il-Qorti).”

“Inoltre jirrizulta li r-rikorrent ipprezenta diversi rikorsi ghall-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest li kienu jigu michuda "*stante l-gravita' tar-reati addebiti lill-imputat u minhabba l-biza' reali ta' intralc ta' provi."*

“**TALBIET**

“**A - Protezzjoni minn Arrest jew Detenzjoni Arbitrarja (Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea)**

“Illi r-rikorrent jilmenta li z-zamma tieghu taht arrest domiciljari (*house arrest)* mill-11 ta' Lulju 2008 sal-4 ta' Ottubru 2012 - total ta' erba' snin, xahrejn u tlieta u ghoxrin gurnata huwa lesiv tal-artikoli imsemija. Marbut ma’ dan kien hemm kondizzjoni imposta ghall-varjazzjoni tal-arrest konsistenti f' depozitu ta' €7,000 li gie ridott ghal €4,000. Hu jargumenta li kemm l-ewwel, kif ukoll it-tieni ammonti kienu eccessivi billi, fic-cirkostanzi, hadd ma kien lest li jiddepozita dan l-ammont.

“Jilmenta li minnkejja diversi talbiet ghar-revizjoni tal-kondizzjoni ta' arrest, dawn gew michuda minghajr gustifikazzjoni u minghajr konsiderazzoni tal-kondizzjoni medika tieghu *stante* li kien qed ibaghti minn depressjoni. Minhabba nuqqas ta' finanzi, il-fond fejn mar jirrisjedi ma kellhux kumditajiet, anzi, kien fi stat ta' "*maqjel"* kif iddskrivih hu fix-xhieda tieghu. Dan kollu kompla jaggrava l-problemi psikologici tieghu.

“Illi l-intimat oppona billi argumenta li l-kondizzjonijiet imposti fuq ir-rikorrent kienu proporzjonati u legittimi tenut kont il-gravita' tar-reati addebitati lilu. Inoltre ssottometta li mhux minnu li r-rikorret inzamm taht *house arrest* ghall-erba' snin billi gja sena u xahrejn wara li tressaq il-Qorti, l-kundizzjonijiet tal-*bail* tar-rikorrent gew mibdula b'tali mod li ma baqax iktar b’ *house arrest* soggett ghad-depozitu ordnat u li hu ma ssoddisfax.

“Illi f'tema legali ssottometta li wiehed ma jista' qatt iqabbel il-*house arrest* ma' arrest fil-habs. Inoltre l-imposizzjoni kienet gustifikata sabiex l-ewwel u qabel kollox jigu salvagwardjati l-interessi tal-minuri u ma jkunx hemm intralc fil-provi. Meta rrizulta lill-Qorti li ma kienx hemm aktar htiega tal-arrest domiciljari, imponiet kondizzjonijiet ohra fosthom hin ta' rinkazar.

"**Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea**

"**L-Artiklu 34 tal-Kostituzzjoni jiddisponi :**

""***34.*** *(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin,*

*jiġifieri –*

*""(a) - (ċ)*

*""(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi;*

*""(e) – omissis*

*""(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali;*

""(*g*) - (f) *omissis*

*""(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut -*

*""(a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti; jew*

*""(b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali, u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f'xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f'dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b'kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b'mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f'data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża."""*

"**L-Artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**) jiddisponi:

*""(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*

""- (a) (b) omissis-

*""(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*

*““(d) id-detenzjoni ta’ minuri b’ordni skont il-liġi għall-iskop ta’ sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti".*

*““(e)-(f) omissis."*

> *“"(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta’ dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b’liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista’ jkun taħt kundizzjoni ta’ garanziji biex jidher għall-proċeduri."”*

“Illi l-artikolu 5(3) jirreferi ghall-*pre-trial detention* meta l-imputat ghadu taht suspett li ikkommetta reat.

“Illi r-rikorrent ma pprecizax taht liema subartikolu qed iressaq l-ilmenti tieghu izda rrefera b'mod generiku ghall-Artiklu 34 tal-Kostituzzjoni u ghall-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

“**Illi fic-cirkostanzi l-Qorti ser tittratta l-ilment b'riferenza ghall-artikolu 34 (1)(d) u (f) u 34(3) kif ukoll ghall-artikolu 5 (1) (c) u 5(3). Dak dibattut fil-kuntest tal-Konvenzjoni Ewropea ser jitqies applikabbli ghall-artikoli imsemmija tal-Kostituzzjoni billi fis-sustanza, l-jedd sancit huwa l-harsien mid-deprivazzjoni illegali u arbitrarja tal-liberta' personali.**

“Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warwick**[10] "*....the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1)(a)-(f) as interpreted by the Court*[11] *and the individual must be protected from arbitrariness."*

“Ikkonsidrat li l-jedd ta’ ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali tal-bniedem li jgħodd għal kulħadd[12]. Huwa miżmum li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest legali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa’ taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Konvenzjoni, u li jkun ukoll skont “*il-proċedura preskritta bil-liġi*”. F’dan ir-rigward, ingħad li dan ifisser li “*the deprivation of liberty must be imposed in conformity with the substantive and procedural rules of the applicable national law*”[13] u li ma jkunx wieħed imwettaq b’mod arbitrarju[14]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-

[10] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd Ed. pp 301)
[11] Referenza ghall-Qorti Ewropea
[12] Q.E.D.B. (GC) **12.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Nada vs Svizzera*** (Applik. Nru. 10593/08) § 224
[13] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), § 9.4.1, pġ. 463
[14] *Op. cit.* pġ. § 9.4.7 f’pġ 481

Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet waħdanin u tassattivi li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mill-ħelsien tagħha[15].

"Illi kif gie ribadit fil-kaz **Buzadji v The Republic of Moldova**[16]

*""1. Article 5 of the Convention is, together with Articles 2, 3 and 4, in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of the individual (see, for example, its link with Articles 2 and 3 in disappearance cases such as* ***Kurt v. Turkey****, 25 May 1998, § 123, Reports of Judgments and Decisions 1998-III), and as such its importance is paramount. Its key purpose is to prevent arbitrary or unjustified deprivations of liberty (see, for example,* ***Lukanov v. Bulgaria****, 20 March 1997, § 41, Reports 1997-II;* ***Assanidze v. Georgia*** *[GC], no. 71503/01, § 171, ECHR 2004-II; and* ***Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia*** *[GC], no. 48787/99, § 461, ECHR 2004-VII). Three strands of reasoning in particular may be identified as running through the Court's case-law: the exhaustive nature of the exceptions, which must be interpreted strictly (see* ***Ciulla v. Italy****, 22 February 1989, § 41, Series A no. 148) and which do not allow for the broad range of justifications under other provisions (Articles 8 to 11 of the Convention in particular); the repeated emphasis on the lawfulness of the detention, both procedural and substantive, requiring scrupulous adherence to the rule of law (see* ***Winterwerp v. the Netherlands****, 24 October 1979, § 39, Series A no. 33); and the importance of the promptness or speediness of the requisite judicial controls (under Article 5 §§ 3 and 4) (see* ***McKay v. the United Kingdom*** *[GC], no. 543/03, § 34, ECHR 2006-X).""*

"Illi l-principji generali applikabbli gew spjegati fil-kaz **Mckay v the United Kingdom**[17]:

*""Article 5 of the Convention is, together with Articles 2, 3 and 4, in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of an individual (see, for example, its link with Articles 2 and 3 in disappearance cases such as* ***Kurt v. Turkey****, 25 May 1998, § 123, Reports of Judgments and Decisions 1998-III) and as such its importance is paramount. Its key purpose is to prevent arbitrary or unjustified deprivations of liberty (see, for example,* ***Lukanov v. Bulgaria,*** *20 March 1997, § 41, Reports 1997-II;* ***Assanidze v. Georgia*** *[GC], no. 71503/01, § 171, ECHR 2004-II; and* ***Ilaşcu and Others v. Moldova and Russia*** *[GC], no. 48787/99, § 461, ECHR 2004-VII). Three strands in particular may be identified as running through the Court's case-law: the exhaustive nature of the exceptions, which must be interpreted strictly (see* ***Ciulla v. Italy****, 22 February 1989, § 41, Series A no. 148) and which do not allow for the broad range of justifications under other provisions (Articles 8-11 of the Convention in particular); the repeated emphasis on the lawfulness of the detention, procedurally and substantively, requiring scrupulous adherence to the rule* of law (see ***Winterwerp v. the Netherlands*****,** 24

[15] Q.E.D.B. **1.7.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giulia Manzoni vs Italja*** (Applik. Nru. 19218/91) § 25
[16] [GC], no. 23755/07, § 104, ECHR 2016 - 5 ta; Lulju 2016..
[17] Grand Chamber - 3.10.2006 App.Nru. 543/03, para30;

October 1979, § 39, Series A no. 33); and the importance of the promptness or speediness of the requisite judicial controls (under Article 5 §§ 3 and 4).""

"Illi skont l-awturi **Harris,O'Boyle & Warwick** [18] :

*""The overarching principles (of art.5) can be summarised as follows:*

*""(i) The detention has a basis, and is in conformity with the applicable domestic law; and*

*""(ii) domestic law satisfies Convention standards as to the 'quality of the law' (it is sufficiently ascertainable and certain); and*

*""(iii) the application of that domestic law is in conformity with the general principles of the Convention: the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1)(a)-(f) as interpreted by the Court*[19] *and the individual must be protected from arbitrariness.""*

"**Applikabilita' tal-Artikolu 5 ghall-Arrest Domiciljari *(House Arrest)***

"Illi l-kaz in ezami jikkoncerna l-arrest domiciljari impost fuq ir-rikorrent, ossia *house arrest.* Mizuri ta' dawn it-tip iqajmu *in limine* kwistjoni dwar l-applikabilita' tal-artikolu 5. Din it-tema giet dibattuta u trattata mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea fil-kaz **De Tommaso v Italy**[20] fejn il-Qorti, wara li ddistingwiet bejn l-**artikolu 5 tal-Konvenzjoni** u l-**artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni** (liberta' tal-moviment), irrikonoxxiet li *house arrest* ghandha titqies bhala mizura ta' deprivazzjoni tal-liberta' tal-individwu skont "*it's degree and intensity."* Gie ribadit:

*""2. It reiterates at the outset that in proclaiming the "right to liberty", paragraph 1 of Article 5 contemplates the physical liberty of the person. Accordingly, it is not concerned with mere restrictions on liberty of movement, which are governed by Article 2 of Protocol No. 4. In order to determine whether someone has been "deprived of his liberty" within the meaning of Article 5, the starting-point must be his or her specific situation and account must be taken of a whole range of factors such as the type, duration, effects and manner of implementation of the measure in question. The difference between deprivation and restriction of liberty is one of degree or intensity, and not one of nature or substance (see* ***Guzzardi,*** *cited above, §§ 92-93;* ***Nada v. Switzerland*** *[GC], no. 10593/08, § 225, ECHR 2012;* ***Austin and Others v. the United Kingdom*** *[GC], nos. 39692/09, 40713/09 and 41008/09, § 57, ECHR 2012****; Stanev v. Bulgaria [****GC], no. 36760/06, § 115, ECHR 2012; and* ***Medvedyev and Others v. France*** *[GC], no. 3394/03, § 73, ECHR 2010). Furthermore, an*

[18] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd Ed. pp 301)
[19] Referenza ghall-Qorti Ewropea
[20] Q.E.D.B. Grand Chamber - 23 ta' Frar 2017 (App. *Nru. 43395/09)*

> *assessment of the nature of the preventive measures provided for by the 1956 Act must consider them "cumulatively and in combination" (see **Guzzardi,** cited above, § 95)."*"
>
> *""- omissis -*
>
> *""3. It reiterates that house arrest is considered, in view of its degree and intensity (see **Buzadji v. the Republic of Moldova** [GC], no. 23755/07, § 104, ECHR 2016), to amount to deprivation of liberty within the meaning of Article 5 of the Convention (see N.C. v. Italy, no. 24952/94, § 33, 11 January 2001; **Nikolova v. Bulgaria** (no. 2), no. 40896/98, §§ 60 and 74, 30 September 2004; **Danov v. Bulgaria,** no. 56796/00, §§ 61 and 80, 26 October 2006; and **Ninescu v. the Republic of Moldova**, no. 47306/07, § 53, 15 July 2014). It further notes that under Italian law, a person under house arrest is deemed to be in pre-trial detention (see **Ciobanu v. Romania and Italy**, no. 4509/08, § 22, 9 July 2013, and **Mancini v. Italy,** no. 44955/98, § 17, ECHR 2001-IX).""*

"Illi fil-kaz **Guzzardi v Italy** [21] il-Qorti Ewropea ikkonsidrat l-applikabilita' tal-artikolu 5 ghas-sitwazzjoni ta' detenut kostrett li jghix fuq gzira zghira, izolata, b'kuntatti socjali restrittissimi. Ikkonsidrat il-kondizzjonijiet imposti kumulattivament, fl-assjem taghhom, u kkonkludiet li l-artikolu 5 (1) japplika ghall-kaz.

"Hekk ukoll l-awturi **Harris O'Boyle & Warwick**[22] jghidu bla ezitazzjoni li "*It is clear that house arrest for twenty four hours a day is a deprivation of liberty."*

"Dan rega' gie kkonfermat mill-Qorti Ewropja fil-kaz fuq citat fl-ismijiet **Buzadji v The Republic of Moldova** fejn gie trattat kaz id-detenzjoni pendenti l-proceduri kriminali (*pre-trial detention*) fejn il-vittma inzammet taht *house arrest* ghall-perjodu ta' seba' xhur u nofs. Il-Qorti fl-ewwel lok enuncjat il-principju tal-interpretazzjoni Konvenzjonali awtonoma moghtija lill-kuncett ta' *"deprivation of liberty"* u li d-distinzjoni bejn restrizzjonijiet tal-liberta' ta' moviment (artiklu 2 tar-Raba' Protokoll) u l-helsien mid-detenzjoni arbitrarja u illegali (artikolu 5) hija wahda ta' grad u intensita' mhux ta' sustanza fejn "*the starting point must be the concrete situation and account must be taken of a whole range of criteria such as the type, duration, effects and manner of implementation of the measure in question (see **Guzzardi v. Italy,** 6 November 1980, §§ 92-93, Series A no. 39)."*[23]

"Kompliet:

> *""4. According to the Court's case-law (see, among many others, **Mancini v. Italy**, no. 44955/98, §17, ECHR 2001-IX; **Lavents v. Latvia**, no. 58442/00, §§ 64-66, 28 November 2002; **Nikolova v. Bulgaria** (no. 2), no. 40896/98, § 60, 30 September 2004; **Ninescu v.***

---

[21] 6 November 1980, §§ 92-93, Series A no. 39.

[22] ***Law on the European Convention on Human Rights*** **(3rd ed) - pp290**

[23] § 103.

> ***the Republic of Moldova,*** *no. 47306/07, § 53, 15 July 2014; and* ***Delijorgji v. Albania,*** *no. 6858/11, § 75, 28 April 2015), house arrest is considered, in view of its degree and intensity, to amount to deprivation of liberty within the meaning of Article 5 of the Convention."”*

“Illi huwa minnu li l-ligi taghna ma tikkontemplax il-kuncett ta' *house arrest.* Is-sitwazzjoni fil-ligi Maltija giet spjegata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **James Demanuele v l-Avukat Generali** (Qorti Kostituzzjonali deciz fl-20 ta' Frar 2009):

> *“"13. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-“house arrest” bhala kundizzjoni tal-“bail” fis-sistema taghna hija r-rizultat ta’ prattika li ssib l-origini taghha fl-estensjoni tal-curfew. In fatti, kien gie dejjem accettat li, bhala wahda mid-diversi kundizzjonijiet li jistghu jigu imposti biex ikomplu jiggarantixxu li ma tavverax ruhha xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-****paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali****, kien hemm dik tal-limitazzjoni tal-hrug wara certu hin (maghrufa wkoll bhala kundizzjoni tar-rinkazar) jew dik li persuna ma tersaqx lejn certu post jew postijiet (ez. fejn ikun jirrisjedi l-allegat vittma jew xi xhud partikolari). Jidher li maz-zmien il-Qrati tal-Magistrati gew perswazi mid-difensuri ta’ nies li jkunu akkuzati b’reati, specjalment b’reati ta’ certa gravita`, biex filwaqt li effettivament johorgu lill-akkuzat jew imputat mill-habs, fl-istess hin, pero`, izommuh “arrestat id-dar”, jigifieri ma jkunx jista’ johrog hlief – normalment – biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici. Jidher li din bdiet tigi kunsidrata bhala soluzzjoni “konvenjenti” ghal kulhadd – l-imputat imur id-dar u ma jibqax il-Habs, u l-Qorti “mohhha mistrieh” li mhux ser tigi inundata b’rikors wiehed wara l-iehor ghall-'bail.' .......Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn f’dan il-kaz toqghod taghmel distinzjonijiet bejn il-ligi taghna u dik ta’ pajjizi barranin bhall-Italja u l-Bulgarija (pajjizi li ghalihom saret referenza permezz tas-sentenzi tal-Qorti ta’ Strasbourg ezibiti mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti) fejn l-arrest domiciljari huwa regolat bil-ligi."”*

“Minkejja dan il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li l-kaz ta' arrest domiciljari f'Malta jaqa' fl-ambitu tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

> *“'Fil-kaz taghna, dan mhux regolat bil-ligi u huwa semplicement “kundizzjoni” tal-“bail”. Pero`, kif tajjeb josserva l-appellant, ghalkemm semplici kondizzjoni tal-“bail”, jibqa’ xorta wahda forma ta’ arrest b’tali mod li jrid ikun gustifikat daqs li kieku l-persuna in kwistjoni ghadha qed tinzamm il-Habs ta’ Kordin jew f’xi post iehor dezinjat bhala “habs” skont il-ligi."* (sottilinear ta' din il-Qorti).”

“Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, anke " *a gilded cage is nonetheless a cage."*

“Illi l-intimat jaghmel referenza ghall-bran li jiccita mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Anthony Grech Sant v Avukat Generali**, deciz fit-8 ta' Frar 2010 fejn inghad li "*wiehed ma jista’ qatt iqabbel il-house arrest ma’ arrest fil-habs. Apparti li l-awtoritajiet qatt ma jistghu ikunu verament mija fil-mija certi li dak li jkun ikun ottempera ruhhu*

*mal-kundizzjoni li ma johrogx minn daru jew li johrog limitatament skont il-kundizzjonijiet imposti, iz-zamma taht arrest preventiv fil-habs jew f'post meqjus skont il-ligi bhala habs timporta ferm aktar restrizzjonijiet milli qatt jista' jimporta l-house arrest. Ghalkemm sia fir-rikors promotorju kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-abbili difensur tal-appellant ipprova jpingi xenarju ta' "izolament" ghall-persuna li tkun taht house arrest, ghalkemm din tista' tavvera ruhha f'xi kazijiet partikolari (fil-kaz de quo ma giex pruvat li, bhala fatt, kien hemm dan l-izolament), persuna li tkun mizmuma f'darha hija libera li taghmel hafna affarijiet li persuna mizmuma l-habs ma tistax taghmel."*

"Izda l-Qorti Kostituzzjonali f'dik il-kawza, ma kellhiex quddiemha ilment skont l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, imma skont l-artikolu 6 (smigh xieraq) kif osservat l-istess Qorti. Inoltre t-test iccitat inghad fil-kuntest ta' talba ghat-tnaqqis tal-perjodu li wiehed ikun ghamel il-habs qabel is-sentenza fit-termini tal-**artikolu 22 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Illi fid-dawl tal-principji fuq enuncjati, din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li z-zamma taht arrest domiciljari, kuntrarjament ghall-kondizzjoni ta' helsien mill-arrest b'certu restrizzjonijiet bhar-rinkasar f'xi sighat biss tal-lejl, ghandha titqies li hija "detenzjoni" fit-termini tal-artiiolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

"Applikati dawn il-principji ghall-kaz in disamina, jirrizulta li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fil-11 ta' Lulju 2008 u f'dik il-gurnata tpogga taht l-arrest domiciljaru skont kif imfisser fl-ordni a fol 10 tal-process allegat ma' dawn l-atti, skont liema *inter alia*:

> ""*1. L-imputat ma johrogx mid-dar .. hlief li jattendi l-Qorti meta jigi hekk notifikat jew ghar-raguni ta' sahha salv jekk ikun il-kaz, jikkonsulta mal-avukat tieghu."* Hu gie marbut jinforma lill-ufficjal prosekutur tal-hin illi huwa johrog mid-dar."'

"Illi minn dakinhar ipprezenta diversi rikorsi (kwazi wiehed fix-xahar) ghall-varjazzjoni tal-ordni imsemmija li ghalihom oppona l-intimat, u li gew michuda mill-Qorti *stante* l-gravita' tar-reati addebiti lill-imputat u minhabba biza' reali ta' intralc ta' provi. Fuq rikors iehor, b'digriet tal-11 ta' Gunju 2009 giet michuda it-talba *stante* li r-rikorrent ma gabx prova li kiseb impieg alternattiv u *di piu*` ma jidhirx li nbidlu c-cirkostanzi biex jiggustifika bdil.

"Ir-rikorrent ressaq ragunijiet varji fir-rikorsi, primarjament li ma setax ikollu mqar prospettiv ta' impieg biex ikun jista' jissoddisfa l-obbligazzjonijiet li kellu ta' hlas tad-dejn, kif ukoll biex isib post decenti fejn jghix. Iddeduca wkoll ragunijiet ta' sahha mentali kif sopportati b'certifikati medici, liema problemi gew aggravati minhabba li gie kostrett, ghar-ragunijiet ta' nuqqas ta' finanzi, biex jghix go "*maqjel".*

Ressaq ukol talbiet konnessi mal-fatt li x-xhieda kienu gja iddeponew quddiem il-Qorti.

“Eventwalment t-talba tieghu giet milqugha fid-19 ta' Ottubru 2009[24] fejn inheles mill-arrest domciljari taht kondizzjoni li jiddepozita fir-registru tal-Qorti is-somma ta' €2,000 oltre garanzija personali ta' €8,000. B'digriet iehor tat-28 ta' Settembru 2010 gie awtorizzat li jressaq terz idoneu biex jippresta d-depozitu originali.[25] B'digriet tas-26 ta' Ottubru 2010, (fol 232) il-Qorti irriduciet id-depozitu ghall-€4,000. Finalment fl-4 ta' Ottubru 2012 (fol 276) il-Qorti regghet bidlet il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fejn fost l-ohrajn bidlet il-garanzija ghal wahda personali ta' €20,000.

“Illi din il-Qorti trid tindirizza l-kwistjoni jekk l-arrest jew detenzjoni kif imposta kien ragjonevoli kif ukoll jekk ecceda z-zmien ragjonevoli bi ksur tal-artikoli 34(1) u (3) tal-Kostituzzjoni u 5 (1) u (3) tal-Konvenzjoni.

“Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel s-segwenti kostatazzjonijiet:

- “Li l-omm il-minuri kienet irrinunzjat ghall-kwerela fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2008 ;

- “Gja fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2008 kienet stqarret li kieku setghet, b'referenza ghal dak suggerit lilha li l-kaz kien qed jitmexxa *ex officio,* riedet li l-kaz ma jkomplix.

- “Li l-effett tar-rinunzja ma gietx indirizzata mill-Qorti tul il-proceduri sakemm, b'sentenza taghha tal-24 ta' Settembru 2013 (fol 354) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddecidiet li "*stante ir-rinunzja tal-kwerela da parti tal-(omm) kif indikata fix-xhieda taghha tas-16 ta' Settembru 2008 u kkonfermata fil-15 ta' Lulju 2009, ...m'ghandhiex alternattiva ghajr li tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-azzjoni mehudha ai termini tal-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz."*

- “Li l-omm u l-minuri xehedu fil-25 ta' Lulju 2008 u x-xhieda mtellghin wara dik id-data kienu ufficjali tal-Pulizija. Kwindi ma setghax ikun hemm biza’ reali u konkret li dawn ix-xhieda ser jigu influwenzati jew imbezzghin mill-imputat.

- “Li minkejja li gew esbiti dokumenti relatati mas-self bankarju li kellu l-imputat, kif ukoll mal-fatt li kien qed jircievi biss nofs il-paga, u dokumenti dwar is-sahha mentali tieghu, u l-aggravar ta' din il-kundizzjoni *stante* l-ambjenti imweghra li fihom kien qed jghix, dawn il-fatturi ma ttiehdux in konsiderazzjoni mill-Qorti lanqas meta

[24] Ordni esebit a fol 155 tal-atti allegati
[25] Fol 216 tal-atti allegati.

biddlet l-arrest domiciljari ghall-helsien mill-arrest taht kondizzjonijiet ta' rinkakar b' garanziji finanzjarji.

- “Li tenut kont id-dhul ridott tar-rikorrent, u l-incertezza finanzjarja tieghu, is-somom imsemmija fid-digrieti ta' depozitu u garanziji jitqiesu eccessivi fic-cirkostanzi partikolarment marbuta mal-fatt li fil-perjodu tal-arrest domiciljari u r-rikorrent ma setghax realment ifittex impieg biex jameljora s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Dan kollu qieghdu f'cirklu vizzjuz li ma setax johrog minnha .

- “Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tat-3 ta' Marzu 2016 rriteniet hekk dwar ir-rinunzja tal-kwerela "*Il-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti, mhux kif kienet presjeduta fil-gurnata tas-sentenza, <u>kellha l-obbligu li tiddeciedi dan il-punt kif tqajjem u mhux thallih minghajr ma taghti decizjoni dwaru.</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

“Kif gie ribadit mill-Qorti Ewropea, fil-kaz citat *supra* ta' **Buzadji :**

*“"5. While paragraph 1 (c) of Article 5 sets out the grounds on which pre-trial detention may be permissible in the first place (see **De Jong, Baljet and Van den Brink v. the Netherlands,** 22 May 1984, § 44, Series A no. 77), paragraph 3, which forms a whole with the former provision, lays down certain procedural guarantees, including the rule that detention pending trial must not exceed a reasonable time, thus regulating its length."*

“"87 *According to the Court’s established case-law under Article 5 § 3, the persistence of a reasonable suspicion is a condition sine qua non for the validity of the continued detention, but, after a certain lapse of time, it no longer suffices: the Court must then establish (1) whether other grounds cited by the judicial authorities continue to justify the deprivation of liberty and (2), where such grounds were “relevant” and “sufficient”, whether the national authorities displayed “special diligence” in the conduct of the proceedings (see, among many other authorities, **Letellier,** cited above, § 35, and **Idalov v. Russia [**GC], no. 5826/03, § 140, 22 May 2012). The Court has also held that justification for any period of detention, no matter how short, must be convincingly demonstrated by the authorities. When deciding whether a person should be released or detained, the authorities are obliged to consider alternative means of ensuring his or her appearance at trial (ibid.)."*

*“"6. Justifications which have been deemed “relevant” and “sufficient” reasons (in addition to the existence of reasonable suspicion) in the Court’s case-law, have included such grounds as the danger of absconding, the risk of pressure being brought to bear on witnesses or of evidence being tampered with, the risk of collusion, the risk of reoffending, the risk of causing public disorder and the need to protect the detainee (see, for instance, **Stögmüller v. Austria,** 10 November 1969, § 15, Series A no. 9; **Wemhoff,** cited above, § 14; Tomasi, cited above, § 95; **Toth v. Austria**, 12 December 1991, § 70, Series A no.*

*224;* ***Letellier****, cited above, § 51; and* ***I.A. v. France,*** *23 September 1998, § 108, Reports of Judgments and Decisions 1998-VII)."*

*“"7. The presumption is always in favour of release. As established in* ***Neumeister v. Austria*** *(judgment of 27 June 1968, Series A no. 8, p. 37, § 4), the second limb of Article 5 § 3 – that is release pending trial – does not give the judicial authorities a choice between either bringing an accused to trial within a reasonable time or granting him provisional release pending trial. It is the provisional detention of the accused which must not be prolonged beyond a reasonable time (see* ***Wemhoff,*** *cited above, § 5); even if the duration of the preliminary investigation is not open to criticism, that of the detention must not exceed a reasonable time (see Stögmüller, cited above, § 5). Until conviction, he or she must be presumed innocent, and the purpose of the provision under consideration is essentially to require his or her provisional release once his or her continuing detention ceases to be reasonable (see* ***McKay,*** *cited above, § 41).*"”

“Illi m'hemm l-ebda dubbju dwar il-legalita' tal-ordni ta' *house arrest* u li kienet ragonevoli u gustifikata meta giet emmessa, tenut kont il-gravita' tar-reat li bih gie akkuzat ir-rikorrent. Kemm il-prosekuzzjoni, kif ukoll il-Qorti tal-Magistrati kienu qed jimxu abbazi tar-rapport tal-omm il-minuri u tar-rakkont tal-minuri li, kif jirrizulta mill-atti tal-process quddiem il-Qorti Istruttorja u il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kienet tissahhah l-akkuzi migjuba kontrih.

“Madanakollu wara li kkonsidrat il-fatturi kollha fl-assjem taghhom, issib li r-rikorrent ghandu ragun fl-ilment tieghu billi hija tal-fehma li d-dritt tieghu ghall-protezzjoni mid-detenzjoni arbitrarja kif sancit bl-artikoli invokati gie lez meta l-Qorti Istruttorja rrifjutat l-helsien mill-arrest, wara li xehdu l-omm u l-minuri specjalment wara li l-omm irrinunzjat ghall-kwerela fil-25 ta' Lulju 2008 u fis-16 ta' Settembru 2008. Marbut ma dan hija x-xhiedha tal-minuri li stqarret li ma qalitx il-verita' kollha fir-rapport taghha lill-Pulizija. Tqies li l-Qorti kellha tindirizza l-effett legali tar-rinunzja minnufih *stante* li, kif irrizulta mis-sentenza tal-ewwel Qorti kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-mertu tal-proceduri kien gie meqjus ezawrit. Minn dak il-mument ‘il quddiem, iz-zamma taht arrest tar-rikorrent kienet lesiva tad-dritt fondamentali tieghu u anke minghajr bazi guridika.

“Dan apparti, jirrizulta li l-preokkupazzjoni primarja tal-Qorti tal-Magistrati kienet tirrigwarda l-gravita' tal-akkuzi kontra l-imputat. Ma hemmx indikazzjoni li kien hemm xi preokkupazzjoni dwar xi periklu li l-imputat kien ser jikkommetti xi reat iehor anke tenut kont il-fedina penali netta tieghu. Madanakollu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, *in visto* tar-rinunzja imsemmija, ma tistax issib li r-rifjut tal-Qorti u anke l-opposizzjoni tal-intimat ghat-talbiet tal-imputat kienu gustifikati.

“**Ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' t-talba** billi ssib li gie lez id-dritt tieghu ghal-liberta` personali, hekk kif sancit mill-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea biz-zamma fis-

sehh tal-ordni ta' arrest domiciljari wara s-seduta tal-25 ta' Lulju 2008 kif ukoll billi gew imposti fuq ir-rikorrent kondizzjonijiet eccessivi tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tieghu.

"**B - Dritt ghal Smigh Xieraq (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea)**

"**L-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi:

> *""**39.** (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.""*

"**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jiddisponi: "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi....*"

"Il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet

"**Central Mediterrranean Development Corporation Limited vs Avukat Ġenerali**, deċiża fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn il-Qorti għamlet referenza għall-kawżi **Vocaturo vs Italy**[26] u **G.H vs Austria**[27], fejn il-Qorti Ewropea qalet li:

> *""It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time"."*

"Iżda l-istess Qorti għamlet referenza wkoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li permezz tagħha ġie ritenut li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:

"(a) il-komplessita' tal-każ;

"(b) l-imġieba tal-Qorti;

"(c) l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel il-lament.

"Ma' dawn wiehed ghandu jzid *"the importance of what was at stake for the applicant in the litigation". (*Ara ad.ez. ***Price and Lowe v. the***

[26] ECtHR: 24 ta' Mejju, 1991
[27] ECtHR: 3 ta' Ottubru, 2000

***United Kingdom,*** nos. 43185/98 and 43186/98, § 20, 29 July 2003; ***Frydlander v France*** App.Nru. 30979/96, 27 Jun 2000)[28].

"Fil-kaz odjern, il-kwistjoni kienet urgenti stante li l-liberta' tar-rikorrent kienet michuda.

"Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "**Francis Theuma vs Avukat Generali" deciza fis-27 ta' Gunju 2003**, kompliet tamplifika hekk fuq dawn il-kriterji:

> *""S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli:*
>
> *"'When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions*...".[29]"

"Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[30].

"Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' *'zmien ragjonevoli'*, l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika.[31] Dan kollu jfisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[32]

---

[28] Ezempji jinkludu proceduri istitwiti minn persuna marida bl-AIDS ghall-kumpens (***A and Others v Denmark* -** App.Nru.20826/92,8 Feb.1996; jew kazijiet li jinvolvu r-relazzjonijiet bejn genituri u uliedhom **(*H v United Kingdom*** - App.Nru.9480/81 - 8 July 1987.

[29] **Van Dijk, P. u van Hoof**, G. J. H., Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Kluwer Law (The Hague) 1998, pp. 446-449.

[30] Kost. 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Francis Said vs L-Avukat Ġenerali**

[31] Q.Kos. Emanuela Brincat v. L-Avukat Generali, 21/2/1996 [Vol.80]

[32] Q.Kos. Zakkarija Calleja v. L-Avukat Generali, 15/12/2015

"Ikkonsidrat ukoll li dan id-dritt jirrispetta wkoll l-principju tal-effikacja (*effectiveness)*[33] billi dewmien esagerat jimmilita kontra l-access garantit ghall-gustizzja li ghandu jigi zgurat mill-Istat lil kull cittadin. Kif jghidu l-awturi **Jacobs White & Ovey:-**

> ""*The object of the provision of article 6(1) is to protect the individual concerned from living too long under the stress of uncertainty and, more generally to ensure that justice is administered without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility."*[34]"

"Illi r-rikorrent jilmenta li gie lez id-dritt tieghu ghas-smigh xieraq minhabba dewmien dovut ghal ragunijiet interament indipendenti minnu. Dan ukoll *stante* li fil-fehma tieghu, sa mill-25 ta' Lulju 2008 il-proceduri fil-konfront tieghu kellhom jigu meqjusa ezawriti. Inoltre l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, ma hadet ebda decizjoni rigward dan il-fatt.

"Fid-dawl ta' dan kollu jishaq li ghamel kwazi **seba' snin** ma jafx x'se jsir minnu, li **erba' snin** minnhom kienu taht *house arrest* u dan fi stat ta' incertezza dwar id-destin tieghu. F'dan il-process kollu jghid li kellu problemi ta' sahha mentali li komplew jaggravaw bid-dewmien li kien qed isofri.

"Illi l-intimat issottometta ghal dak li jirrigwarda l-allegat dewmien li tenut kont tan-natura tal-kaz, dan iz-zmien ma kienx wiehed irragjonevoli u li komplessivament ma jirrizultax li fil-kaz odjern kien hemm xi nuqqasijiet lampanti min-naha tal-Prosekuzzjoni u lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien.

"Illi tibda biex tghid li fil-kaz odjern, kien hemm rinunzja ghall-kwerela gja fil-25 ta' Lulju 2008 kif ukoll fis-16 ta' Settembru 2008 ghar-ragunijiet gja fuq spjegati. Kull ma kellu jigi kkonsidrat mid-data tar-rinunzja kien il-punt legali dwar jekk tali rinunzja wasslitx jew le ghall-ezawriment tal-mertu tal-kaz. Dan qatt ma sar. Kif gja ribadit, ghalkemm wiehed jistenna li dan il-punt seta' tqajjem mir-rikorrent, (allura imputat f'dawk il-proceduri), il-Qrati huma marbutin bil-garanziji procedurali inerenti fl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u l-Qorti kellha tindirizza dan il-punt minghajr dewmien. Taht din l-ottika, l-kwistjoni kollha kellha tigi risolta ghall-massimu fi ftit xhur billi l-kwistjoni kienet wahda prettament legali u mhux ta' xi komplessita' partikolari.

"F'dan it-termini, lanqas hu mehtieg li din il-Qorti tidhol fl-ezami ta' dak li sehh fis-seduti li nzammu u n-numru ta' seduti. Madanakollu ser taghmel dan l-ezercizzju ghall-kompletezza.

[33] H. v. France, (1989).
[34] *The European Convention on Human Rights* - 6th ed. p.273 fejn jiccitaw mis-sentenza tal-ECHR fil-kaz :**Bottazzi v Italy** App. Nru 34884/97 - 28 Lulju 1999.

"Illi jirrizulta li inzammu 10 seduti sakemm il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fit-28/7/2009 . Effettivament dawn imxew *a tamburo battente* u tressqu xhieda u provi f'kull seduta u anke trattazzjonjiet fuq talbiet tar-rikorrent ghall-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' helsien mill-arrest.

"Kien hemm zewg seduti meta gie trattat il-punt jekk il-minuri setghet terga' tittella' biex tixhed.

"Wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi inzammew seduti ghall-prova tad-difiza li fihom kien hemm talbiet ghad-differiment miz-zewg partijiet kif ukoll ghar-ragunijiet addebitati lill-Qorti inkluz seduta wahda minnhom, l-indisposizzjoni tal-Magistrat sedenti, kif ukoll billi giet elevata ghall-gudikatura - ragunijiet li huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, ragonevoli. B'kollox inzammew madwar 26 seduta bejn il-11 ta' Novembru 2009 u l-24 ta' Settembru 2013 meta l-kawza inqatet mill-ewwel Qorti izda xhieda tressqu biss fi **disa'** seduti. Fis-seduti l-ohrajn gew trattati r-rikorsi ghall-helsien mill-arrest, u t-trattazzjoni finali tal-kaz.

"Fic-cirkostanzi issib li meta wiehed jikkonsidra li x-xhieda tad-difiza kollha gew prodotti f'disa' seduti, l-fatt li l-kawza hadet kwazi erba' snin biex jinghalqu l-provi difiza huwa zmien irragjonevoli.

"Illi taqbel mar-rikorrent li fic-cirkostanzi tar-rinunzja tal-kwerelant, l-appell mill-intimat ikkaguna iktar dewmien ingustifikat, u kwindi irragjonevoli, u kompla johloq ghalih stat ta' incertezza u sofferenza materjali u psikika.

"**Illi fid-dawl tal-premess, u partikolarment tal-fatt li l-kawza kellha tigi rizolta fi ftit xhur tenut kont ir-rinunzja tal-kwerela, ssib li kien hemm lezjoni tad-dritt sancit bl-artikoli imsemmija billi l-process kriminali mehud kontra r-rikorrent sakemm giet ippronunzjata s-sentenza finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Marzu 2015 dam ben seba' snin u nofs. Dan id-dewmien huwa irragjonevoli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

"**Rimedju**

"Ikkonsidrat li r-rikorrent qed jitlob li jigi risarcit ghad-danni materjali u ghall-hsara psikologika li sofra *stante* l-lezjoni tad-drittijiet tieghu. Jiccita wkoll dak li gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Gasan Enterprises Limited v Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deciz fit-3 ta' Frar 2009** u cioe`:

*""Kif inhu impostat ir-rikors promotorju, dan kjarament qed jitlob rimedju ghall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni – u kawza kostituzzjonali ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali m'ghandhiex tigi konvertita f'kawza ghal danni akwiljani. Meta jigi riskontrat dewmien skont l-Artikolu 6, ir-rimedju ghandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza*

> *jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossia reali li dak iddewmien seta' effettivament ikkawza."*"

"Dan hu kondiviz mill-intimat li jissottometti li din il-Qorti ghandha, semmai, takkorda biss danni morali u mhux materjali.

"Madanakollu tinnota li l-partijiet iddibattew danni ghal-lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u f'kawzi rigwardanti dewmien irragjonevoli kemm-il darba gie ritenut minn dawn il-qrati li semplici dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fundamentali hi rimedju sufficjenti, (ara ***John Bugeja vs. Avukat Generali et, Qorti Kostituzzjonali***, datata l-***11 t'Awwissu, 2003***).

"Illi izda, fil-kaz odjern din il-Qorti irriskontrat lezjoni ukoll tal-artikolu 5 b'konsegwenzi ferm izjed dannuzi u gravi fuq ir-rikorrent u fuq il-liberta' tieghu fejn il-Qrati rrikonoxxew id-dritt ghad-danni morali u materjali.

> ""*Fil-likwidazzjoni ta' kumpens ghall-arrest illegali u ghal-trattament inuman u degredanti ma jigux illikwidati biss id-danni materjali imma anke somma ghall-vjolazzjoni u tbatija li jkun sofra r-rikorrent." (***Qorti Kostituzzonali - Tonio Vella v Kummissarju tal-Pulizija et. - 28 ta' Frar 1994).**"

"Illi fil-kaz **Ghigo v. Malta**, il-Qorti Ewropea spjegat illi l-iskop li jingħata rimedju hu sabiex ir-rikorrenti jitpoġġa kemm jista' jkun fil-pożizzjoni li kien ikun fih li kieku l-ksur ma kienx sar.

> *""The Court reiterates that an award for pecuniary damage under Article 41 of the Convention is intended to put the applicant, as far as possible, in the position he would have enjoyed had the breach not occurred (see, mutatis mutandis, Kingsley v. the United Kingdom [GC], no. 35605/97, § 40, ECHR 2002-IV).""*

"Inoltre kif gie ritenut fil-kaz **Walter Delia et v Chairman Awtorita' tad-Djar** deciz fit-18 ta' Frar 2016 :

> ***""52.** Għalkemm hemm distinzjoni bejn il-kunċett tal-kumpens għall-ksur ta' dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, u l-kunċett ta' danni ċivili, għandu jingħad li l-estensjoni tad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna taffettwa l-estenzjoni tal-ksur tad-dritt fundamentali tagħha wkoll u għalhekk dawn ma jistgħux ma jittieħdux in kunsiderazzjoni. Kif spjegat l-ewwel Qorti m'hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi lill-Qorti milli tillikwida somma għad-danni pekunjarji li tkun sofriet persuna b'riżultat ta' leżjoni ta' dritt fundamentali. ""*

"Jirrizulta a soddisfazzjon ta' din il-Qorti li minhabba c-cahda tal-helsien mill-arrest, ir-rikorrent gie imcahhad ukoll milli jghix b'mod decenti u milli jfittex li jawmenta d-dhul tieghu. Inoltre, gie mcahhad mill-possibilita' li jfittex li jigi reintegrat fil-Korp tal-Pulizija minghajr dewmien.

"Gie ppruvat li r-rikorrent tilef €47,874 f'sighat ta' xoghol matul il-perjodu mill-25 ta' Lulju 2008 sat-3 ta' Marzu 2015 oltre 315 gurnata *vacation leave* ghas-snin 2009-2014.[35] Dawn il-figuri ma gewx ikkontestati mill-intimati.

"Ikkonsidrat li gjaladarba l-Qorti giet adita minn talba ta' lezjoni ta' dritt fondamentali, hija obbligata taghti dawk ir-rimedji kollha biex tassigura li l-vittma tal-lezjoni jitqieghed fl-istat li kien qabel.

"Konsegwentement ser tillikwida d-danni pecunjarji dovuti lir-rikorrent fis-somma ta' €47,874 rapprezentanti sighat ta' xoghol mitlufin ghall-perjodu mill-25 ta' Lulju 2008 sat 3 ta' Marzu 2015 oltre 315 gurnata *vacation leave* ghas-snin 2009-2014 li ghandhom jinhadmu skont il-paga li kellu f'dawk is-snin[36].

"Illi jirrizulta ppruvat li r-rikorrent sofra tbatija psikologika skont kif xehed il-psikatra Dr Mark Xuereb. Gew esebiti ritratti[37] tal-fond fejn ir-rikorrent kien kostrett li jirrisjedi minhabba nuqqas ta' finanzi. Ma hemmx dubbju li ma setax jghix b'mod umanament decenti f'dawk il-kmamar zdingati u mitluqin. Huwa evidenti li dawn ic-cirkostanzi komplew jaggravaw d-depressjoni inflitta b'reazzjoni ghac-cirkostanzi li kien ghaddej minnhom b'konsegwenza taz-zamma tieghu taht arrest, tal-kondizzjonijiet eccessivi imposti, u tal-prolungament ingustifikat tal-proceduri kriminali.

"Ghalhekk ser tillikwida ukoll €20,000 f'danni morali dovuti lir-rikorrent.

"**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent skont dan li gej:

"**Tilqa' l-ewwel talba u** tiddikjara l-agir tal-intimati jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent billi jiksru l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

"Tordna lill-intimati *in solidum* bejniethom biex ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' €47,874 rapprezentanti sighat ta' xoghol mitlufin ghall-perjodu mill-25 ta' Lulju 2008 sat 3 ta' Marzu 2015 oltre kumpens ghall-315 gurnata *vacation leave* ghas-snin 2009-2014 li ghandhom jinhadmu skont il-paga li kellu f'dawk is-snin;

---

[35] Nota ta' sottomissjoijiet tar-rikorrent a fol 147
[36] Nota ta sottomissjoijiet tar-rikorrent a fol 147
[37] A fol 30

"Tordna wkoll lill-intimat Avukat Generali ihallas ukoll is-somma ta' €20,000 likwidati bhala kumpens ghad-danni morali sofferti mir-rikorrent ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza."

L-Appell tar-rikorrent

6. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu fis-17 ta' Lulju, 2018, fejn qed jitlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

"1. Tikkonferma dik il-part tas-sentenza fejn cahdet l-eccezzjonijiet kollha sollevati mil-intimati, illum appellati;

"2. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet l-ewwel talba tal-appellant u iddikjarat l-agir tal-intimati, illum appellati, jilledu d-drittijiet fondamentali tal-appellant billi jiksru l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,kif ukoll l-artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

"3. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenzafejn ordnat lill-intimati in solidum bejniethom, illum appellati,ihallsu lill-appellant is-somma ta' €47,874 rapprezentanti sighat ta' xoghol mitlufin ghall-perjodu mill-25 ta'Lulju, 2008 sat-3 ta' Marzu, 2015 oltre kumpens ghall-315 gurnata vacation leave ghas-snin 2009-2014 li ghandhom jinhadmu skont il-paga li kellu f'dawk is-snin;

"4. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lil-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu mill-intimati in solidum bejniethom, illum appellati;

"5. Thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lill-intimat Avukat Generali jhallas is-somma ta' €20,000 likwidati bhala kumpens ghad-danni morali sofferti mir-rikorrent, illum appellant u konsegwentement tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu kumpens oghla lill-appellant, tenuti c-cirkostanzi kollha suesposti, ghad-danni morali sofferti mill-esponenti.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.".

7. L-aggravju principali tieghu hu li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti mhux wiehed gust u proporzjonat, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz

tieghu u wkoll it-tbatija li ghadda minnha rizultat tal-ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

8. Fir-risposta taghhom tat-30 ta’ Lulju, 2018, l-intimati jsostnu li l-appell hu wiehed infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandu jigi michud. Huma sahansitra lanqas ma jaqblu mal-*quantum* tal-kumpens moghti mill-ewwel Qorti, kemm dak morali u kif ukoll dak pekunjarju li kellhom jitnaqqsu konsiderevolment. Jaghmlu riferenza ghall-appell intavolat minnhom u ghar-ragunijiet hemm indikati.

<u>L-Appell tal-Intimati</u>

9. L-intimati pprezentaw l-appell taghhom fis-17 ta’ Lulju, 2018, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex joghgobha:

> “… ghar-ragunijiet premessi **tirriforma** s-sentenza appellata tat-28 ta’ Gunju 2018 billi **thassara u tirrevokaha** f’dik il-parti fejn iddikjarat lil-appellat garrab vjolazzjoni tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, **thassarha u tirrevokaha** fejn ordnat lill-intimati ihallsu is-somma ta’ EUR 47,874 rapprezentanti sighat ta’ xoghol mitlufin ghall-perjodu mill-25 ta’ Lulju 2008 sat-3 ta’ Marzu 2015 oltre kumpens ghall-315 gurnata vacation leave ghas-snin 2009-2014 **thassarha u tirrevokaha** f’dik il-parti fejn ordnat lill-Avukat Generali ihallas is-somma ta’ EUR20,000 bhala danni morali, **tikkonfermaha** fil-bqija u **minflok** taghti kumpens ferm inqas ghad-danni morali sofferti mill-appellat minhabba dewmien fil-proceduri kriminali bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.”.

10. In succint, l-aggravji tal-intimati huma dawn: (1) l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta qieset li *house arrest* jammonta ghal ksur tal-

Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u, (2) il-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti, sew dak morali u sew dak pekunjarju, ma kienx dovut, u, f'kwalunkwe kaz huwa ezagerat.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

*L-ewwel Aggravju tal-intimati*

11. Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonsidra l-ewwel aggravju tal-intimati li jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni – li jinsabu citati fis-sentenza appellata riprodotta aktar 'il fuq - u wara, tikkonsidra l-aggravju l-iehor tal-intimat flimkien mal-aggravju tar-rikorrent stante li dawn jirrigwardaw ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti.

12. L-ewwel aggravju tal-intimati hu li l-ewwel Qorti ma ddecidietx sew li arrest domiciljari kif impost fuq ir-rikorrent mill-Qorti tal-Magistrati kien jikser id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Huma stiednu lil din il-Qorti sabiex tevalwa jekk fil-kaz odjern tali arrest domiciljari kienx gustifikat fil-konfront tar-rikorrent.

13. L-ewwel Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea, kif ukoll ta' dawn il-Qrati, ikkonkludiet li fid-dawl tal-principji enuncjati f'dik il-gurisprudenza, hi kienet tal-fehma li z-zamma taht arrest domiciljari f'dan il-kaz ghandu jitqies bhala 'detenzjoni' ai termini tal-artikoli fuq citati u dan kuntrarjament ghall-kondizzjoni ta' helsien mill-arrest b'certu restrizzjonijiet bhal ma hi dik ta' rinkasar f'xi sighat biss matul il-lejl. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet sabiex identifikat il-kondizzjonijiet li tahthom tpogga r-rikorrent taht arrest domiciljari meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-11 ta' Lulju, 2008, il-fatt li hu kien ipprezenta diversi rikorsi sahansitra tghid kwazi wiehed kull xahar sabiex tigi mibdula l-ordni, u li eventwalment dik il-Qorti laqghet it-talba tieghu billi bidlet il-kondizzjonijiet ukoll ghal diversi drabi stante li ma setax jissodisfa dawk il-kondizzjonijiet imposti fuqu. L-ewwel Qorti kkonsidrat il-fatt li <u>l-kwerela ta' omm il-minuri kienet giet irtirata fil-25 ta' Lulju, 2008</u>, jigifieri ftit granet wara x-xilja, u erga' fis-16 ta' Settembru, 2008, u wkoll li l-minuri kienet xehdet li ma kinitx qalet il-verita` kollha fir-rapport li ghamlet mal-Pulizija, u sabet li in vista ta' dan u wkoll in vista tal-kondizzjonijiet eccessivi mposti fuq ir-rikorrent fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tieghu, kien gie lez id-dritt tieghu ghal liberta` personali kif sancit bl-artikoli fuq citati hekk kif inzammet fis-sehh l-ordni ta' arrest domiciljari wara s-seduta tal-25 ta' Lulju, 2008. B'hekk laqghet it-talba tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tieghu.

14. Ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk arrest domiciljari ghandux jitqies bhala privazzjoni tal-liberta` personali tal-individwu kif kontemplat mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti u tiddikjara li taqbel maghha. Ma jistax pero` jonqos li ssir referenza partikolari ghall-gurisprudenza l-aktar recenti li wiehed isib fuq il-materja u li wkoll tinstab citata fis-sentenza appellata. Din il-Qorti hawn taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz **Case of De Tommaso v. Italy**[38] fejn dik il-Qorti ghamlet distinzjoni bejn id-deprivazzjoni tal-liberta` u r-restrizzjonijiet imposti fuq il-liberta` ta' moviment, u osservat li, filwaqt li d-dritt ghall-liberta` hu protett bil-Paragrafu 5(1) tal-Konvenzjoni, il-liberta` ta' moviment hu protett bl-Artikolu 2 tar-raba' Protokoll. Tghid li s-sitwazzjoni partikolari tal-individwu u fatturi ohra, senjatament it-tipi, z-zmien, l-effetti u l-manjiera ta' implimentazzjoni tal-mizuri kollha huma rilevanti ghal din id-distinzjoni. Ghalhekk ikkonsidrat li:

> "… house arrest is considered, in view of its degree and intensity,…..to amount to deprivation of liberty within the meanting of Article 5 of the Convention …".

15. Hekk ukoll irriteniet fid-decizjoni taghha fil-kaz fl-ismijiet **Case of Buzadji v. The Republic of Moldova**[39]**.** Imbaghad fil-kaz **Case of**

---

[38] Grand Chamber, App. No. 43395/09, 23 February 2017.
[39] Grand Chamber, App. Nru. 23755/07 , 5 Lulju, 2016.

**Mancini v. Italy**[40] ghamlet osservazzjoni relevanti ferm. Qalet li fejn kien hemm bidla minn arrest gewwa habs ghal arrest domiciljari dan ma kienx ibiddel it-tip ta' deprivazzjoni ta' liberta` izda kien hemm certament bidla fin-natura tal-post ta' detenzjoni minn wiehed pubbliku ghal dak gewwa dar privata.

16. L-istess insenjament gie segwit minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **James Demanuele v. Avukat Generali**[41] fejn il-Qorti filwaqt li kkonsidrat li m'ghandna l-ebda ligi li tirregola l-arrest domiciljari u allura dan jibqa' semplici 'kondizzjoni' tal-helsien mill-arrest, xorta wahda hu forma ta' arrest ekwivalenti ghal cirkostanzi fejn persuna tkun qieghda tinzamm il-Habs ta' Kordin jew f'xi post iehor meqjus bhala 'habs' skont il-ligi.

17. Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti u tqies li fil-kaz odjern meta r-rikorrent tqieghed taht arrest domiciljari, hu kien tilef il-liberta` personali tieghu u sakemm ma giex sodisfatt wiehed jew aktar mir-rekwiziti li jipprovdu ghalihom is-subartikolu 5(1) tal-Konvenzjoni jew tas-subartikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni, allura dak l-arrest domiciljari ghandu jitqies bhala vjolattiv tad-dritt fondamentali tieghu.

---

40 Second Section, App. Nru. 44955/98, 12 Dicembru, 2001.
41 Q.Kost. 13/2007, 20 Frar, 2009.

18. Bhal l-ewwel Qorti, din il-Qorti tqies li, filwaqt li r-rikorrent kien tpogga taht arrest domiciljari fil-11 ta' Lulju, 2008, hu baqa' inutilment detenut wara li omm il-minuri rrinunzjat ghall-kwerela fis-seduta quddiem il-Qorti Istruttorja fis-16 ta' Settembru, 2008. Dan, wara li kienet diga' l-istess omm esprimiet ruhha f'dan is-sens fis-seduta tal-25 ta' Lulju, 2008 (a fol 42 et seq. process proceduri kriminali). Izda, erronejament u ingustament, kien biss b'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2013 -u hawn din il-Qorti tikkondividi l-opinjoni kemm tal-ewwel Qorti kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) – li, minkejja n-numeruzi talbiet[42] maghmula mir-rikorrent, il-Qorti tal-Magistrati kkonsidrat l-effetti ta' dik ir-rinunzja fuq il-proceduri li kienu qeghdin jitmexxew quddiemha u ddecidiet:

> "…stante ir-rinunzja tal-kwerela da parti ta' Mariella Tanti [l-omm il-minuri] kif indikata fix-xhieda taghha tas-16 ta' Settembru 2008 u konfermata fil-15 ta' Lulju 2009 liema rinunzja hija inekwivoka, cara u minghajr kondizzjoni,din il-qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li tiddikjara l-procediment ezawrit inkwantu jirrigwarda l-azzjoni mehudha ai termini tal-Artikoli 203 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.".

19. M'ghandux ma jigiex ikkonsidrat dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-3 ta' Marzu, 2015[43], wara appell tal-intimat l-Avukat Generali fejn filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata dik il-Qorti qalet:

---

[42] Fl-20 Awwissu 2008 [ fol 66], 2 Settembru 2008 [ fol 72], 15 Ottubru 2008 [fol 100], 6 Novembru 2008 [fol 105], 18 Dicembru 2008 [ fol 113], 11 Gunju 2009 [fol 141], 14 Ottubru 2009 [fol 152], 27 Settembru 2010 [ fol 214], 22 Ottubru 2010 [fol 221], 12 Lulju 2011 [fol 244], 23 Settembru 2011 [fol 252], 1 Ottubru 2012 [fol 273], kollha misjuba fil-process tal-proceduri kriminali),

[43] App. Nru. 415/2013, **Il-Pulizija v. Patrick Falzon.**

> "…importanti li jigi affermat il-punt kardinali hawn kif dikajrata mill-Ewwel Onor.Qorti: (fol.16) il-ligi hija cara u l-artikolu 545(1) jistabbilixxi li l-azzjoni tieqaf meta l-kwerelanti jirtira l-kwerela qabel ma tkun inghatat sentenza definittiva. L-azzjoni odjerna ghalhekk kellha tieqaf fil-25 ta' Lulju, 2008, meta l-persuna li ghamlet il-kwerela u li kellha l-kustodja tal-minuri, u cioe' Mariella Tanti, xehdet quddiem din il-Qorti kif diversamentpresjeduta u ddikjarat li xtaqet twaqqaf il-proceduri. Din il-Qorti jidhrilha li ghalkemm missier il-minuri Albert Tanti tela jixhed f'dawn il-proceduri fid-29ta' Settembru, 2008 fejn qal li xtaq ikompli l-proceduri, huwama kienx il-persuna li ressaq il-kwerela li permezz taghha nbdew il-proceduri, liema kwerela kienet diga' f'dak l-istadju giet irtirata u huwa ghalhekk ma setghax ikompli proceduri li qatt ma kien beda u li fi kwalunkwe kaz kienu diga' gew irtirati mill-persuna li ghamlithom. Il-Qorti setghet ukoll tikkonstata li Albert Tanti ndika li huwa ma kienx jaf f'hiex kienu jikkonsistu l-proceduri li xtaq li jitkomplew u tirrileva ulterjorment li l-ittra minnu ezebita u nserita a fol 96 tal-Atti processuali tirreferi ghar-reat ta' stupru u mhux ghar-reati li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna.".

20. Fil-fehma tal-Qorti hi din ir-raguni principali ghaliex l-arrest domiciljari tar-rikorrent sar wiehed illegali. Dan jinghad filwaqt li l-Qorti, bhal ma ghamlet ukoll l-ewwel Qorti, tikkonsidra li fiz-zmien li nghatat, l-ordni ghall-arrest domiciljari kienet minghajr dubbju wahda ragjonevoli u wkoll ghaqlija mehuda in konsiderazzjoni l-gravita` tar-reat li bih kien gie akkuzat ir-rikorrent. Din il-Qorti ma tistax ma tikkonsidrax dan il-fatt u bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-Qorti Istruttorja mxiet bil-ghaggla jew hazin bl-ghoti ta' dik l-ordni <u>fl-istadju inizjali</u> tal-proceduri kriminali, u l-intimati min-naha taghhom ma setghux ma jimxux b'kawtela kbira wara li l-pulizija kienu rcevew rapport u wkoll saret il-kwerela minn omm il-minuri, li wasslu ghall-istess proceduri.

21. Izda din il-Qorti in linea ma' dak senjalat fir-rigward tal-arrest domiciljari kontinwu tar-rikorrent tqies li maghdud mal-fatt li l-kwerela

kienet giet irtirata f'stadju bikri tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent, hemm diversi fatturi ohra li tqies li kellhom ixejnu l-mizien lejn digriet favur ir-rikorrent ghat-tnehhija tal-arrest domiciljari tieghu. Bhal fil-kaz tal-ewwel Qorti, din il-Qorti taghraf ukoll, li wara li xehdu l-omm u l-minuri stess fis-seduta tal-25 ta' Lulju, 2008, u x-xhieda li ttellghu mill-prosekuzzjoni wara dik is-seduta kienu principalment ufficjali tal-Pulizija[44], ftit kien hemm biza' li x-xhieda kienu ser jigu kompromessi. Kellhom jitqiesu wkoll li c-cirkostanzi tal-kaz li kienu jirrigwardaw att li allegatament sehh bejn ir-rikorrent u l-minuri u stante li din tal-ahhar u ommha wkoll, li kienet l-ewwel persuna li ndunat u saret taf bl-allegati fatti, kienu xehdu f'dak l-istadju u ma jirrizultax li kien hemm terza persuna prezenti waqt l-allegat incident, ma setax ikun hemm biza' li xhud ulterjuri jigi influwenzat b'xi mod. Il-fedina penali nadifa tar-rikorrent kellha wkoll tigi meqjusa ghaliex kemm mill-provi kif wkoll mill-istess fedina penali ma jirrizultax lill-Qorti li kien hemm xi biza' li r-rikorrent kien ser jikkommetti xi reat iehor simili jew le.

22. L-ewwel Qorti qieset sew id-diversi talbiet maghmula mir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest domiciljari fejn sahansitra f'hin minnhom gie mitlub li, minflok l-arrest domiciljari jaghmel depozitu ta' €7,000 permezz ta' terz. Ikkonsidrat ukoll id-dokumenti esebiti minnu in sostenn tal-allegati diffikoltajiet finanzjarji serji li kien qed ibaghti bhala rizultat tal-

[44] Ghajr bint ir-rikorrent mill-ewwel zwieg li kienet maggjorenni u li ma kinitx prezenti meta sar il-fatt allegat li ta' lok ghall-akkuzi

fatt li ma setax johrog jahdem. Din il-Qorti tissenjala li ghalxejn jiswa digriet fejn tigi milqugha t-talba ghat-tnehhija ta' arrest domiciljari jekk jigu mposti kondizzjonijiet wisq oneruzi fuq ir-rikorrent sabiex jiggarantixxu l-obbligi mposti fuqu (bhall-prezenza tieghu waqt il-proceduri u li ma jkunx hemm intralc tal-evidenza da parti tieghu), tant li ma jistax jilhaqhom u b'hekk jibqa' taht arrest domiciljari. Dawn il-kondizzjonijiet kellhom, fost fatturi ohra, ikunu in proporzjon mad-dhul u mal-mezzi finanzjarji tieghu, u fil-kaz li jigi mitlub jipproduci garanti allura r-relazzjoni tieghu ma' dak il-garanti wkoll trid tigi mehuda in konsiderazzjoni. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent kien ipproduca diversi drabi evidenza tad-dejn tieghu mal-APS Bank Ltd u tal-pagamenti mensili li kien qed jaghmel (a fol 67 u 73 process proceduri kriminali). Inoltre, dejjem jibqa' saljenti l-fatt li fil-proceduri kriminali kien hemm rinunzja tal-kwerela da parti ta' min ghamilha, u dana wara biss 14-il gurnata mid-data li fiha kienet inghatat l-ordni mill-Qorti tal-Magistrati.

23. Il-principji generali dwar tali kondizzjonijiet gew identifikati mill-Qorti Ewropea fid-decizjoni ricenti taghha fl-ismijiet **Kenneth Gafa' v. Malta**[45] moghtija fit-22 ta' Mejju, 2018, fejn intqal:

> "70. According to the Court's case-law, the guarantee provided for by Article 5 § 3 of the Convention is designed to ensure the presence of the accused at the hearing (see *Mangouras v. Spain* [GC], no. 12050/04, § 78, ECHR 2010). Therefore, the amount of bail must be set by reference to the detainee, his assets and his relationship with

45 App. Nru. 54335/14.

the persons who are to provide the security, in other words to the degree of confidence that is possible that the prospect of loss of the security or of action against the guarantors in case of his non-appearance at the trial will act as a sufficient deterrent to dispel any wish on his part to abscond (see *Neumeister v. Austria*, 27 June 1968, § 14, Series A no. 8). Since the issue at stake is the fundamental right to liberty guaranteed by Article 5, the authorities must take as much care in fixing appropriate bail as in deciding whether or not continued detention is indispensable. Furthermore, the amount set for bail must be duly justified in the decision fixing bail and must take into account the accused's means (see *Mangouras*, cited above, §§ 79-80). The domestic courts' failure to assess the applicant's capacity to pay the sum required may lead the Court to find a violation. However, the accused whom the judicial authorities declare themselves prepared to release on bail must faithfully submit sufficient information, that can be checked if need be, about the amount of bail to be fixed (see Toshev v. Bulgaria, no. 56308/00, § 68, 10 August 2006; and *Iwanczuk v. Poland*, no. 25196/94, § 66, 15 November 2011).

"71. Even where the domestic courts' decisions refusing bail are based on "relevant" and "sufficient" reasons, the Court must also ascertain whether the competent national authorities displayed "special diligence" in the conduct of the proceedings. The Court has considered that this criterion must be of some relevance even in respect of decisions concerning the fixing of bail conditions after bail is formally granted if the individual remains in detention as a result of his inability to pay (see *Kolakovic v. Malta*, no. 76392/12, § 74, 19 March 2015).

24. F'dan il-kuntest il-Qorti tirrileva li kien biss kwazi hames [5] snin wara li r-rikorrent kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja li l-intimati ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-ordni ta' arrest domicjiljari wara s-seduta tal-<u>25 ta' Lulju, 2008 u bit-trapass taz-zmien</u>, saret leziva tad-dritt tar-rikorrent ghall-liberta` personali tieghu kif sancit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, u wkoll ghaliex gew

imposti fuq ir-rikorrent kondizzjonijiet eccessivi mehud kont ta' dawk ic-cirkostanzi rilevanti ghall-kaz tieghu[46].

25. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li l-ewwel aggravju tal-intimati hu gustifikat u qed tichdu.

*It-tieni aggravju tal-intimati:* [il-kumpens morali u pekunjarju hu ezagerat]

*L-aggravju tar-rikorrent:* [il-kumpens morali hu baxx]

26. L-intimati qeghdin isostnu li l-kumpens moghti mill-ewwel Qorti hu wiehed ezagerat. Wara kollox l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija kien ghamel dak li kien fid-dover tieghu li jaghmel, jigifieri li jinvestiga rapport ta' abbuz sesswali u li akkuza lir-rikorrent b'dak ir-reat. Jghidu li l-ordni ghall-arrest domiciljari ma kinitx kondizzjoni mitluba minnhom izda giet imposta mill-Qorti Istruttorja. Dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni pekunjarji, jissottometti li l-ewwel Qorti semplicement strahet fuq dak li kien qed jippretendi r-rikorrent u zbaljatament ma kkonsidratx li r-rikorrent, irrispettivament jekk kienx hemm ordni ghall-arrest domiciljari tieghu, kien ser jigi sospiz mix-xoghol tieghu waqt il-proceduri kriminali skont ir-regolamenti tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. Kien ukoll

46 Ara **Kenneth Gafa' v. Malta** ibid. fejn instabet lezjoni tas-subartikolu 5(3) tal-Konvenzjoni mill-Qorti Ewropea.

maghruf li galadarba r-rikorrent jahdem mas-settur pubbliku, hu kellu jigi sospiz mix-xoghol u jiehu nofs il-paga b'dana li n-nofs l-iehor jinzamm sakemm jinghalqu l-proceduri kontrih. Fil-fatt l-ewwel Qorti ma kkonsidratx li r-rikorrent wara l-eghluq tal-proceduri kriminali kien inghata lura n-nofs tal-paga mizmuma, bonuses u ammonti ohra kif xehed l-Ispettur Jurgen Vella[47]. Dawn kienu jammontaw globalment ghal €58,475.68, kif jirrizulta spjegat fid-dokument markat JVII[48]. Ix-xhud spjega wkoll li kien hemm direttiva mill-Ufficcju tal-Prim Ministru li ma kellhomx jinghataw lura *allowances, overtime* u *vacation leave* fejn persuna tirritorna lura ghax-xoghol wara li tkun giet sospiza. Huma jsostnu li ghalhekk l-ammont dovut skont is-sentenza appellata ma kienx fil-fatt ghadu dovut, u f'kwalunkwe kaz ir-rikorrent kellu jinghata danni morali biss u mhux dawk materjali wkoll.

27. Rigward id-danni morali, l-ewwel Qorti, wara li kkonsidrat l-oggezzjoni tal-intimati ghall-ghoti ta' dawn id-danni, iddikjarat li "…irriskontrat lezjoni ukoll tal-Artikolu 5 b'konsegwenzi ferm izjed dannuzi u gravi fuq ir-rikorrent u fuq il-liberta` tieghu... " f'liema cirkostanzi qalet li "...il-Qrati rrikonoxxew id-dritt ghad-danni morali u materjali".

[47] Foll.170 - 175
[48] Fol.162

28. Hawn citat dak li kienet qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et**[49] u dik fl-ismijiet **Walter Delia et v. Chairman Awtorita` tad-Djar**[50] u wkoll dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-materja ta' *restitutio in integrum* fid-decizjoni fl-ismijiet **Ghigo v. Malta**[51].

29. Din il-Qorti tissenjala li din hi l-pozizzjoni tajba u gusta fic-cirkostanzi odjerna. Izda ssir referenza wkoll in propositu ghas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Generali, u Maltapost plc** (C22796)[52], fejn din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti f'materja ta' kumpens:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, safejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni.
>
> "…
>
> "Kif inghad fis-sentenza *Amato Gauci v. Malta* deciza fil-15 ta' Settembru 2009, "*Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied* (ibid., § 249). ……..( para 80)."

---

49 28 Frar, 1994.
50 Q.Kost. 54/2009, 18 Frar, 2016.
51 App. Nru. 3122/05, 26 Settembru, 2006.
52 Q.Kost. 55/2009.

30. Sabiex jinghata *restitutio in integrum* iridu jirrizultaw fatturi partikolari li jirrikjedu dan. L-ewwel Qorti gharfet li r-rikorrent mhux biss gie mcahhad mill-liberta` tieghu, izda *“ukoll milli jghix b’mod dicenti u milli jfittex li jawmenta d-dhul tieghu. Inoltre, gie mcahhad mill-possibilita’ li jfittex li jigi reintegrat fil-Korp tal-Pulizija minghajr dewmien. Gie ppruvat li r-rikorrent tilef €47,874 f’sighat ta’ xoghol matul il-perjodu mill-25 ta’Lulju 2008 sat-3 ta’ Marzu 2015 oltre 315 gurnata vacation leave ghas-snin 2009-2014. Dawn il-figuri ma gewx ikkontestati mill-intimati.”*

31. Din il-Qorti tikkondividi l-gustifikazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti in sostenn tal-kumpens pekunjarju likwidat minnha, u zzid tghid li ma jirrizultax li r-rikorrent b’xi mod ikkontribwixxa ghat-telf pekunjarju li sofra matul il-perjodu li jsegwi l-25 ta’ Lulju 2008. Ghalhekk ma hemmx raguni valida ghaliex hu ma ghandux jinghata wkoll kumpens ghat-telf tal-*allowances* u tal-*overtime*, kif ukoll ta’ 315 granet ta’ *vacation leave* li r-rikorrent kien intitolat ghalihom li kieku ma sehhx dak li gara. L-ammont dovut ghat-telf tal-*allowances* u tal-*overtime* mitluf gie kalkolat b’mod dettaljat mir-rikorrent fin-nota tieghu markata Dok.PFX[53] u kif osservat gustament l-ewwel Qorti dawk il-figuri ma gewx kontestati. Fir-rigward l-intimati jghidu biss li dawn ma kinux dovuti minhabba policy tal-gvern. Din il-Qorti pero`, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, taqbel

[53] Fol.107

mal-ewwel Qorti li mhuwiex gust li r-rikorrent ma jigix kumpensat ghal dan it-telf ukoll, flimkien mal-hlas dovut ghal-vacation leave ta' 315 granet. Tosserva wkoll li l-fatt li, ghar-ragunijiet medici rizultat ta' dak li sofra r-rikorrent, dan ma setax jibqa' jahdem fil-korp tal-pulizija wara li kien rega' gie ngaggat, m'ghandux jitqies bhala fattur kontra tieghu, izda ghandu jitqies bhala fattur li huwa kien garrab rizultat tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

32. Ghaldaqstant it-tieni aggravju tal-intimati in kwantu jirreferi ghad-danni mhux pekunjarji akkordati lir-rikorrent mill-ewwel Qorti mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

33. Rigward il-kumpens morali likwidat mill-ewwel Qorti u li jifforma parti mill-meritu tat-tieni aggravju tal-intimati u l-aggravju tar-rikorrent, filwaqt li l-intimati qeghdin isostnu li dan mhux dovut u f'kwalunkwe kaz hu ezagerat, ir-rikorrent qed jippretendi li ma jaghmilx gustizzja mieghu. Ir-raguni principali li jaghtu l-intimati hi li f'proceduri ohra b'cirkostanzi simili din il-Qorti kienet likwidat ammont inqas. Izda l-intimati jaghmlu referenza ghal proceduri decizi mill-Qorti Ewropea u minn din il-Qorti fejn jghidu li l-kumpens moghti kien minhabba dewmien. Ma jaghtu l-ebda referenza ghal kaz fejn ir-rikorrent <u>jaghmel kwazi hames snin taht arrest domiciljari li din il-Qorti qed tqies bhala illegali</u>, u fejn jirrizulta mix-xhieda tat-tabib psikjatra tieghu Dr. Mark Xuereb, li r-rikorrent sofra

tbatija psikologika qawwija minhabba l-mod kwazi inuman li hu kien gie kostrett jghix anki minhabba l-finanzi batuti tieghu. Dawn il-fatturi determinanti fil-likwidazzjoni tal-kumpens morali kollha qiesithom l-ewwel Qorti u accettat l-effett li kellhom fuq ir-rikorrent meta ddecidiet li d-danni morali dovuti lilu kellhom ikunu fl-ammont ta' €20,000 u r-rikorrent mhux korrett meta jghid li dan il-kumpens mhux gust u proporzjonali. Certament min-naha l-ohra tqies li l-kumpens morali moghti mill-ewwel Qorti ma jista' qatt iservi ta' *restitutio in integrum* purament minhabba n-natura tad-danni reklamati. F'din il-materja l-Qorti aktar 'il fuq kellha l-opportunita` li tghid li safejn hu possibbli l-persuna li sofriet il-lezjoni tigi reintegrata izda fejn mhux possibbli allura japplikaw il-principji ta' *just satisfaction.*

34. Din il-Qorti ma ssibx certament raguni ghaliex dan l-ammont ghandu jitnaqqas, pero` tqies ukoll li min-naha l-ohra jaghmel gustizzja mar-rikorrent. Hawn il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li fis-sentenza taghha tat-28 ta' Frar, 1994, jigifieri 25 sena ilu, fl-ismijiet **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et**[54] kien gie likwidat l-ammont ta' Lm3,000 bhala kumpens ghal ksur ta' drittijiet fondamentali konsistenti f'arrest illegali ta' 46 siegha u trattament degradanti u inuman. Fil-kaz odjern ir-rikorrent dam mizmum taht arrest domiciljari ghal kwazi 5 snin b'mod li bata psikologikament u wkoll finanzjarjament ghaliex wasal biex jghix kif

54 Supra.

diga' nghad b'mod degradanti. Jinghad ukoll li fil-kaz odjern, ma jirrizultax li r-rikorrent ikkontribwixxa b'xi mod ghad-dewmien fil-proceduri kriminali, ghall-kuntrarju kienu l-intimati li kaxkru saqajhom ghal kwazi erba' snin biex ressqu l-provi taghhom u sahansitra waslu biex appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn din kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz in vista tal-fatt li l-kwerela kienet giet irtirata. Fis-sentenza ta' din il-Qorti aktar ricenti fl-ismijiet **Victor Buttigieg v. Avukat Generali**[55] moghtija fis-26 ta'Jannar 2018, il-kumpens moghti ghal dewmien irragonevoli kien ta' €7,000 wara li gie kostatat li kull kaz kellu c-cirkostanzi partikolari tieghu li dawn ghandhom jigu meqjusa fil-likwidazzjoni tal-kumpens:

> "**46.** Din il-Qorti fil-fatt taqbel illi l-kwantum tal-kumpens għandu jiġi kkalkulat wara li l-Qorti tkun ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-kumpens ma jiġix likwidat fl-astratt, abbażi biss tan-numru ta' snin li tkun twalet il-kawża. U għalhekk mhux il-każ li l-Qorti tara x'kumpens ingħata f'kawżi oħra abbażi biss tas-snin u tapplika valur simili."

35. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma ssibx li din il-parti tal-aggravju tal-intimati u wkoll l-aggravju tar-rikorrenti huma gustifikati u ghalhekk qed tichadhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din l-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent u mill-appell tal-intimati billi tichadhom.

---

55 Q.Kost. 53/16.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell tar-rikorrent ikunu a kariku tieghu, u dawk tal-appell tal-intimati jibqghu a kariku tal-istess intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm